Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/2052(INI)

24.4.2025

EMENDI
1249 - 1532

Abbozz ta' rapport
Carmen Crespo Díaz
(PE770.187v01-00)

Il-futur tal-agrikoltura u l-politika agrikola komuni wara l-2027
(2025/2052(INI))

Emenda 1249
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30.Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, ***kif ukoll*** l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u ***teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma***;	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, ***speċjalment fir-reġjuni milquta min-nixfa, tinkoraġġixxi*** l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u ***sensuri għal allokazzjoni ottimizzata tar-riżorsi, tnaqqas it-telf tal-ilma u l-kostijiet tal-enerġija għall-bdiewa***; ***Jappella wkoll għall-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi bħall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat u t-teknoloġiji tad-desalinizzazzjoni adattati għas-settur agrikolu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ħafna sistemi eżistenti ta' irrigazzjoni huma skaduti u ineffiċjenti, jikkawżaw telf sinifikanti tal-ilma, u jeħtieġ li jiġu sostitwiti jew modernizzati biex tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma fil-kuntest tat-tibdil fil-klima;**

Or. ro

Emenda 1250
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, ***il-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex ***tnaqqas*** l-impronta fuq l-	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha***, inċentivi ekonomiċi għall-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli***, bħal teknoloġiji intelliġenti tal-irrigazzjoni bi preċiżjoni***, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji

ilma;	ġodda tal-ilma biex ***jiġi ottimizzat il-konsum, tingħata produttività kostanti u, fl-istess ħin, titnaqqas*** l-impronta fuq l-ilma***; jisħaq li, meta jitqies l-istess ammont ta' ilma meħud minn sorsi tal-ilma, l-espansjoni taż-żona li tista' tiġi irrigata għandha tkun permessa għal dawk l-uċuħ li bħalissa ma jibbenefikawx minn dan is-servizz***;

Or. en

Emenda 1251
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma; ***jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fi programmi ta' taħriġ għall-bdiewa sabiex tiżgura li dawn ikollhom l-għarfien u l-għodod meħtieġa biex jużaw ir-riżorsi tal-ilma b'mod effiċjenti;***

Or. en

Emenda 1252
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-

irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;	irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma; ***iqis li l-ebda mira għall-użu mill-ġdid tal-ilma ma għandha tiġi imposta fuq il-bdiewa qabel ma tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' ilma ħieles minn residwi farmaċewtiċi;***

Or. en

Emenda 1253
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, ***il-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, ***l-introduzzjoni ta' inċentivi ekonomiċi għall-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex ***tottimizza l-konsum, tiżgura produzzjoni kostanti u, fl-istess ħin,*** tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;

Or. it

Emenda 1254
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;

tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;	***u tagħti prijorità lil forom ta' biedja li jiffrankaw l-ilma, inkluża l-ġestjoni tal-imriegħi;***

Or. hu

Emenda 1255
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu ***tal-intelliġenza artifiċjali u*** teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu ***ta'*** teknoloġiji ġodda tal-ilma ***b'użu baxx u effiċjenti bħall-irrigazzjoni bil-qatra,*** biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma;

Or. en

Emenda 1256
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, ***il-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni ***tal-irrigazzjoni sostenibbli, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ġodda tal-ilma biex tnaqqas l-impronta fuq l-ilma***;	30. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fost il-prijoritajiet tagħha, ***li tingħata spinta lit-teknoloġiji innovattivi, is-sistemi intelliġenti tal-irrigazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni ***tal-infrastrutturi sabiex jiġi ottimizzat l-użu tal-ilma***;

Or. es

Emenda 1257
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp ta' sistemi tal-irrigazzjoni ġodda u intelliġenti f'żoni rurali li bħalissa ma għandhomx din l-infrastruttura, b'mod speċjali f'reġjuni affettwati minn żieda fl-istress idriku, dežertifikazzjoni jew perjodi ta' nixfa staġjonali; jissottolinja l-ħtieġa ta' mudelli tal-irrigazzjoni reżiljenti għat-tibdil fil-klima u bbażati fuq il-preċiżjoni li jottimizzaw l-użu tal-ilma u jippermettu produttività agrikola sostenibbli, u jappella għall-inklużjoni tagħhom bħala investimenti eliġibbli skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-istrumenti ta' koežjoni rilevanti tal-UE;

Or. en

Emenda 1258
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu ġestjoni tan-nutrijenti aktar sostenibbli billi jadottaw malajr il-proposta biex jiġi awtorizzat l-użu ta' fertilizzanti RENURE; jappella wkoll għal reviżjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati sabiex tinġieb f'konformità mal-evidenza xjentifika attwali u l-aħjar prattiki, biex b'hekk il-bdiewa jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minn sorsi tan-nutrijenti disponibbli b'mod naturali filwaqt li jkomplu jipproteġu l-kwalità tal-

ilma;

Or. en

Emenda 1259
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1260
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari***, l-agrikoltura riġenerattiva u l-proċeduri integrati ta' riċiklaġġ tal-iskart agrikolu***

esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

favur kumpaniji involuti fin-negozju tal-upcycling tal-iskart għal kumpaniji start-up u SMEs involuti fil-produzzjoni ta' materja prima jew prodotti lesti, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. it

Emenda 1261
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31.Jappella għal appoġġ ***qawwi*** għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE ***biex tingħata spinta lill-ekonomija*** ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ ***immirat u effettiv*** għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE***, li jippromwovi l-ekonomija*** ċirkolari, ***permezz ta' inċentivi għall-irkupru tal-bijomassa, skart agrikolu u koprodotti, li jappoġġjaw l-awtonomija tal-enerġija tal-azjendi agrikoli u jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq inputs esterni,*** filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward,

	jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. ro

Emenda 1262
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra**,** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***bħal diġestat u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex jadottaw malajr il-proposta biex ikunu jistgħu jintużaw il-fertilizzanti RENURE;***

Or. en

Emenda 1263
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra**,** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; ***jistieden,*** f'dan ir-rigward, ***lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-ambizzjoni tal-UE għall-produzzjoni tal-bijometan għas-settur agrikolu u*** jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. en

Emenda 1264
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq ***fuq l-importanza*** li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq ***li filwaqt li għandha titħares il-ġerarkija tal-użu li tpoġġi l-alimentazzjoni fil-quċċata, huwa importanti*** li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti

enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;
	Or. fr

Emenda 1265
Dario Nardella, Stefano Bonaccini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra**,** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u ***l-bijofjuwils sostenibbli konformi mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED), u*** tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;
	Or. en

Emenda 1266
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, ***filwaqt li*** tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha ***minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq*** id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra***,*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, ***billi*** tingħata prijorità lill-użu effiċjenti ***u riġenerattiv*** tar-riżorsi kollha***, inklużi r-riċiklaġġ u l-fertilità tal-ħamrija, flimkien ma' sforzi ambizzjużi biex tinkiseb*** id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. en

Emenda 1267
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha ***minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni***; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra***,*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. en

Emenda 1268
Norbert Lins

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra**,** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***bħal diġestat u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. en

Emenda 1269
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-

riżorsi kollha ***minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni***; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra***,*** sorsi ġodda tal-enerġija ***bħall-bijogass*** u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

riżorsi kollha ***u jiġi nnotat li l-assorbiment tal-karbonju f'"bir" jiddependi minn ċikli idriċi funzjonali***[1a]; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

[1a] Ma hemm l-ebda enfasi esklużiva fuq id-dekarbonizzazzjoni fil-PAK, iżda naturalment hemm il-ħtieġa ta' provvista tal-ilma suffiċjenti li tippermetti l-assorbiment tal-karbonju f'"bir" u l-ħżin f'sistemi tal-biedja u tal-forestrija, biex eventwalment jiġu renumerati taħt skemi tal-"kultivazzjoni karbonika" tas-CRCF, li għalihom il-bdiewa jirċievu pagamenti addizzjonali mhux tal-PAK;

Or. en

Emenda 1270
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha ***minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq*** id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra***,*** sorsi ġodda tal-enerġija	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa u l-forestiera tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha ***u tinkiseb ukoll*** id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra ***u*** sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u

bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. en

Emenda 1271
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa ***u l-forestiera*** tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;	31. Jappella għal appoġġ qawwi għall-bdiewa tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu effiċjenti tar-riżorsi kollha minflok ma jitqiegħed enfasi esklużivament fuq id-dekarbonizzazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, u jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji oħra, sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija fl-2025;

Or. fr

Emenda 1272
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jsaħħu l-integrazzjoni tal-agrikoltura u l-enerġija

rinnovabbli, filwaqt li jirrikonoxxu l-potenzjal ta' din is-sinerġija biex jippromwovu prattiki agrikoli sostenibbli, isaħħu r-reżiljenza lokali għat-tibdil fil-klima, isaħħu l-ekonomija ċirkolari inkluża l-ġestjoni tal-iskart tal-ikel, u jtejbu ż-żamma tal-ilma u s-saħħa tal-ħamrija, filwaqt li jiġu appoġġjati wkoll l-introjti tal-bdiewa; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiċċara d-dispożizzjonijiet tal-Politika Agrikola Komuni biex tallinja aħjar u żżid il-kompatibbiltà tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u sostenibbli, bħall-agrisolar u l-bijogass, ma' attivitajiet agrikoli;

Or. en

Emenda 1273
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq li l-piż tad-dekarbonizzazzjoni agrikola ma għandux jaqa' biss fuq il-bdiewa u jappella għal approċċ globali tal-katina tal-provvista li jappoġġja, jinċentiva u jippremja l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet b' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-livell tal-azjendi agrikoli; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' bagit b'saħħtu għall-PAK, li jiżgura finanzjament suffiċjenti għall-azzjoni klimatika, li jippermetti lill-bdiewa jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li jżommu l-kompetittività tagħhom;

Or. it

Emenda 1274
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa approċċi politiċi speċifiċi għall-għelejjel u għas-settur fil-PAK wara l-2027, abbażi tal-karatteristiċi bijofiżiċi, ekonomiċi u ambjentali distinti ta' sistemi tal-produzzjoni differenti fl-Unjoni kollha; jenfasizza l-importanza li tiġi rikonoxxuta d-diversità tal-agrikoltura Ewropea, inklużi l-ortikultura fis-serer magħluqa, l-għelejjel permanenti, u s-sistemi tat-trobbija intensiva tal-bhejjem bħat-trobbija tal-ħniežer, meta jitfasslu miżuri ta' appoġġ, rekwiżiti regolatorji u strateġiji ta' innovazzjoni;

Or. en

Emenda 1275
Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-inkoraġġiment tal-produzzjoni u l-ipproċessar lokali, b'mod speċjali f'żoni li qed jiffaċċjaw it-tnaqqis fil popolazzjoni jew fir-ritmu ekonomiku; jisħaq li s-sistemi lokali tal-ikel joħolqu valur fuq livell lokali, inaqqsu l-emissjonijiet relatati mat-trasport u jtejbu r-reżiljenza tal-katina tal-provvista; jenfasizza wkoll li l-appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-għelejjel isaħħaħ il-bijodiversità, itejjeb is-saħħa tal-ħamrija u jnaqqas il-vulnerabbiltà għall-pesti u għall-mard, li kollha huma meħtieġa għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-istabbiltà tas-

sistema tal-ikel;

Or. en

Emenda 1276
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jappella għall-istabbiliment ta' 0,5 % THC bħala l-limitu massimu għar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet tal-qanneb fl-UE, biex b'hekk tkun tista' ssir distinzjoni ċara bejn il-qanneb u varjetajiet oħra tal-kannabis. Dan jarmonizza d-definizzjonijiet nazzjonali, jespandi l-ġabra ġenetika ta' żrieragħ tal-qanneb rikonoxxuti u jinkoraġġixxi t-tnissil ta' varjetajiet ġodda b'finijiet multipli li jkunu aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jkollha jżommu livelli baxxi ta' THC u jiżguraw iċ-ċarezza għall-bdiewa, ir-regolaturi, u l-konsumaturi;

Or. en

Emenda 1277
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-inċentivi finanzjarji u regolatorji għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan mid-demel tal-annimali li jżommu jew jespandu l-produzzjoni industrijali u fuq skala kbira tal-bhejjem, meta tnaqqis fil-produzzjoni jkun

essenzjali biex jiġu ssodisfati l-għanijiet ambjentali u tas-saħħa pubblika tal-UE u biex it-tisħin globali jinżamm taħt il-1,5 °C, kif ukoll biex tiġi protetta d-diversità tal-produtturi fuq skala żgħira f'żoni rurali;

Or. en

Emenda 1278
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq li d-Direttiva attwali dwar in-Nitrati għandha tiġi riveduta, peress li d-dispożizzjonijiet skaduti jippromwovu l-użu ta' fertilizzanti artifiċjali aktar milli d-demel organiku; jitlob li jsir rieżami urġenti tad-Direttiva dwar in-Nitrati, qabel ma tintemm din is-sena, u li ssir reviżjoni tad-direttiva biex tiġi promossa l-ġestjoni ċirkolari tan-nutrijenti;

Or. en

Emenda 1279
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ olistiku biex tiġi dekarbonizzata l-agrikoltura, jappella għall-inkoraġġiment u l-inċentivi t-tajba bħal finanzjament suffiċjenti għall-bdiewa, biex jiġu adottati soluzzjonijiet u prattiki li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tal-għelejjel filwaqt

li jibqgħu kompetittivi;

Or. en

Emenda 1280
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31c. Jitlob li jiġu ffaċilitati l-iskambju strutturat tal-għarfien u l-kooperazzjoni bejn sistemi tal-produzzjoni komparabbli fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġi appoġġjat it-tagħlim reċiproku, jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi għar-reġjun, bħal dawk iffaċċjati minn żoni ta' produzzjoni intensiva, u jiġu aċċellerati tranżizzjonijiet sostenibbli li huma mfassla apposta għar-realtajiet speċifiċi ta' kull settur;

Or. en

Emenda 1281
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31g. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw malajr il-proposta li tippermetti l-użu tal-fertilizzanti RENURE skont id-Direttiva dwar in-Nitrati; jappella wkoll għal reviżjoni aktar wiesgħa tad-Direttiva biex id-dispożizzjonijiet tagħha jiġu allinjati ma' għarfien xjentifiku attwali u l-aħjar prattiki disponibbli, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jnaqqsu d-dipendenza minn fertilizzanti sintetiċi, jagħlqu ċikli tan-

nutrijenti u jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ġestjoni tan-nutrijenti aktar ċirkolari u sostenibbli;

Or. en

Emenda 1282
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31k. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva għall-irkupru tan-nutrijenti tul il-katina agroalimentari, b'appoġġ iddedikat għall-innovazzjoni fis-separazzjoni, it-trattament u l-użu mill-ġdid tan-nutrijenti mill-flussi tal-iskart mill-ipproċessar u l-bejgħ bl-imnut tal-ikel u ta' wara l-konsumatur; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' standards u inċentivi biex ikun jista' jsir użu sikur u effettiv ta' dawn is-sorsi tan-nutrijenti sekondarji fl-agrikoltura;

Or. en

Emenda 1283
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi; ***jisħaq li, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li tiġi stabbilita garanzija Ewropea tar-riassigurazzjoni agrikola, appoġġjata mill-baġit tal-Unjoni***

Ewropea, bil-għan li jitnaqqas ir-riskju sistemiku assoċjat ma' avvenimenti klimatiċi dejjem aktar intensi u frekwenti; iqis li din il-garanzija Ewropea tagħmel l-assigurazzjoni aktar aċċessibbli u finanzjarjament vijabbli għall-bdiewa, filwaqt li tiżgura kopertura akbar u tevita disparitajiet bejn l-Istati Membri; jenfasizza li, bħalissa, in-nuqqas ta' offerti attraenti fis-suq tal-assigurazzjoni agrikola, minħabba l-imprevedibbiltà sinifikanti u l-intensità tar-riskji klimatiċi, jikkomprometti serjament il-protezzjoni tal-introjtu u l-istabbiltà tal-azjendi agrikoli; jippromwovi, għalhekk, li l-UE jenħtieġ li jkollha rwol attiv fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu komuni tar-riassigurazzjoni li jikkontribwixxi għall-koeżjoni tas-suq intern, jippromwovi s-solidarjetà bejn ir-reġjuni u jżid ir-reżiljenza tas-settur agrikolu Ewropew għal xokkijiet esterni.

Or. pt

Emenda 1284
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***finanzjarju*** għall-assigurazzjoni agrikola***, għall-fondi mutwi u għall-Għodda tal-Istabbilizzazzjoni tal-Introjtu (IST)*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi***, sanitarji u tas-suq*** estremi ***u imprevedibbli***; ***jappella wkoll għall-iżvilupp ta' qafas integrat tal-ġestjoni tar-riskju klimatiku li jinkludi investimenti ta' prevenzjoni, ippjanar tal-adattament, sistemi ta' twissija bikrija, fondi mutwi, u investimenti fil-livell tal-azjenda agrikola fl-infrastruttura ta'***

reżiljenza, biex tissaħħaħ il-kapaċità fit-tul tal-azjendi agrikoli biex jantiċipaw, jassorbu u jirkupraw minn xokkijiet relatati mal-klima;

Or. en

Emenda 1285
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati ***riskji klimatiċi normali u billi tirrikorri għas-solidarjetà nazzjonali u Ewropea għar-riskji katastrofiċi marbuta ma'*** eventi klimatiċi estremi; ***jikkunsidra li għar-riskji marbuta mal-fluttwazzjoni tas-swieq, l-assigurazzjoni rari tku disponibbli, ma tkunx wisq effikaċi u tiswa ħafna u għandha tingħata preferenza lit-titjib tal-organizzazzjoni kollettiva tal-bdiewa kif ukoll tal-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet;***

Or. fr

Emenda 1286
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati

eventi klimatiċi estremi;	eventi klimatiċi estremi***, filwaqt li tiżgura li jibbenefikaw l-azjendi agrikoli u mhux il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u li l-azjendi agrikoli, li jibbenefikaw minn dawn l-assigurazzjonijiet, ikollhom jipprovdu livell minimu ta' prevenzjoni permezz tad-diversifikazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-Ekoskemi u fil-miżuri agroambjentali klimatiċi (AECMs)***;

Or. en

Emenda 1287
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***għall-assigurazzjoni agrikola*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***għall-għodod kollha tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi l-assigurazzjonijiet agrikoli,*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' implimentazzjoni aħjar tal-fondi mutwi b'mod partikolari biex jiġi indirizzat il-mard tal-pjanti u tal-annimali, u tal-għodda tal-istabbilizzazzjoni tal-introjtu;***

Or. en

Emenda 1288
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-

assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi ***filwaqt li tagħti lill-kooperattivi, lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi (POs) u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (APOs) il-possibbiltà li jiġġestixxu l-istrumenti ekonomiċi u l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju***;

Or. en

Emenda 1289
Barry Cowen, Charles Goerens, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola ***u l-fondi mutwi*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi; ***jisħaq li dawn il-miżuri għandhom jiżdiedu mal-għodod eżistenti tal-ġestjoni tas-suq u ma għadhomx jimminaw l-iskemi nazzjonali eżistenti;***

Or. en

Emenda 1290
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi ***u billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' tisħiħ, fuq l-iskala tal-***

UE, tas-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni agrikola f'każ ta' ċirkostanzi ta' gravità speċjali;

Or. es

Emenda 1291
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***finanzjarju għall-assigurazzjoni agrikola, il-fondi komuni ta' investiment, l-għodod għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu (IST),*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi***, tas-saħħa u tas-suq*** estremi ***u imprevedibbli***;

Or. it

Emenda 1292
Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***finanzjarju*** għall-assigurazzjoni agrikola***, għall-fondi mutwi u għall-Għodda tal-Istabbilizzazzjoni tal-Introjtu (IST)*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi***, sanitarji u tas-suq*** estremi ***u imprevedibbli***;

Or. en

Emenda 1293
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ ***finanzjarju*** għall-assigurazzjoni agrikola***, għall-fondi mutwi u għall-Għodda tal-Istabbilizzazzjoni tal-Introjtu (IST)*** biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi***, sanitarji u tas-suq*** estremi ***u imprevedibbli***;

Or. en

Emenda 1294
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ l-istrumenti*** ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi ***żżid*** l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jsaħħu l-użu tal-istrumenti*** ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi ***jżidu*** l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi; ***jiżgura li jibbenefikaw il-bdiewa u mhux biss il-kumpaniji tal-asigurazzjoni;***

Or. en

Emenda 1295
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi ***għal dawk l-azjendi agrikoli li juru livell minimu ta' miżuri biex jiġi pprevenut it-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 1296
Benoit Cassart, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju ***u tirrevedi r-riżerva għal kriżijiet fis-settur agrikolu*** fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;

Or. en

Emenda 1297
Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi ***u mard tal-annimali***;

Or. en

Emenda 1298
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;	32. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrumenti ***volontarji*** ta' ġestjoni tar-riskju fil-PAK wara l-2027 billi żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni agrikola biex jiġu indirizzati eventi klimatiċi estremi;

Or. en

Emenda 1299
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jinnota l-kombinazzjoni effettiva tal-għodod tal-ġestjoni ta' riskju (fondi tal-assigurazzjoni u mutwi) mal-adattament ta' prattiki agrikoli, bħall-introduzzjoni tal-produzzjoni integrata IPM[1a] ,jew miżuri tar-reżiljenza tal-klima/ilma, biex jiġu koperti r-riskji finanzjarji; jistieden lill-Istati Membri biex l-ewwel jużaw l-għodod tal-Ġestjoni tar-Riskju attwali mhux użati biżżejjed, u anke biex jagħmlu dan b'mod aktar effettiv f'dawn il-kombinazzjonijiet;* ***[1a] IPM (ir-rotazzjoni tal-għelejjel fuq perjodu ta' 4 snin) flimkien ma' fondi mutwi li jippermettu lill-bdiewa jissostitwixxu monokulturi ta' qamħirrum, filwaqt li jtemmu l-użu ta'

neonikotinojde fir-reġjun ta' Veneto, l-Italja (Apenet, Veneto Agricoltora) https://www.researchgate.net/publication/311424479_Difesa_integrata_del_mais_Come_applicarla_in_campo

Or. en

Emenda 1300
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jirrimarka b'mod partikolari li l-assigurazzjoni tat-temp wiesgħa jenħtieġ li tipprovdi lill-bdiewa b'sigurtà akbar; jissottolinja li jeħtieġ li jkun hemm ċertezza fir-rigward tas-sussidju għall-primjums tal-assigurazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-polza applikabbli, u li jenħtieġ li ma jkunx il-każ li s-sussidju għall-primjums tal-assigurazzjoni mwiegħed lill-bdiewa jitnaqqas matul il-parteċipazzjoni tagħhom;

Or. nl

Emenda 1301
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jitlob il-ħolqien ta' mekkaniżmu Ewropew ta' assigurazzjoni pubblika, aggregata u in solidum, sabiex jingħata appoġġ aħjar lill-bdiewa fil-konfront ta' riskji klimatiċi li qed jiżdiedu; jissottolinja l-ħtieġa ta' attivazzjoni awtomatika f'każ ta' katastrofi naturali, li tiggarantixxi

protezzjoni rapida u aċċessibbli lill-azjendi agrikoli kollha;

Or. fr

Emenda 1302
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jappella għall-istabbiliment ta' fond ibbażat fuq indiċi, komplementari għall-għodod eżistenti tal-ġestjoni ta' riskju, sabiex jinħarġu bonds fis-swieq finanzjarji u biex isir intervent fil-każ ta' eventi katastrofiċi b'livelli ta' ħsara ogħla minn dawk normalment koperti mis-suq tal-assigurazzjoni;

Or. en

Emenda 1303
Thomas Waitz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jinnota li minħabba l-limitazzjonijiet tal-baġit, bħalissa l-Istati Membri huma obbligati wkoll li jiżguraw li l-benefiċjarji ta' dawn l-iskemi tal-assigurazzjoni jieħdu wkoll il-miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju meħtieġa inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima eż. id-diversifikazzjoni u l-parteċipazzjoni f'Ekoskemi u ACEMs;

Or. en

Emenda 1304
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1305
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ***ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu*** tal-bdiewa u ***toffri impjiegi*** ġodda; ***jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi*** tal-ekosistema ***fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż*** tal-karbonju;	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ***tal-Politika Agrikola Komuni ffukat mill-ġdid fuq il-produzzjoni tal-ikel, li jerġa' lura għall-oriġini tiegħu bħala funzjoni strateġika tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li jirrikonoxxiha wkoll bħala pilastru essenzjali tas-sigurtà u d-difiża, is-sovranità u l-istabbiltà tal-Unjoni Ewropea; jargumenta li l-bijoekonomija tista' tikkontribwixxi biex tagħti spinta lill-introjtu*** tal-bdiewa u ***tiġġenera opportunitajiet ekonomiċi u ta' impjiegi*** ġodda***, dment li tkun ikkoordinata mal-objettivi tal-produzzjoni tas-settur***; ***jirrikonoxxi li s-servizzi*** tal-ekosistema ***pprovduti mill-agrikoltura, bħall-manutenzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni***

sostenibbli tal-ħamrija jew it-tneħħija tal-karbonju***, filwaqt li huma importanti, jenħtieġ li ma jikkompromettux il-kompetittività jew il-funzjoni essenzjali tal-produzzjoni tal-ikel tas-settur***; ***iqis, għalhekk, li dawn il-funzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li, fejn ma jkunux remunerati mis-suq, ikunu appoġġjati minn strumenti finanzjarji xierqa barra mill-ambitu ċentrali tal-PAK, b'mod partikolari permezz ta' fondi speċifiċi ambjentali jew klimatiċi, li jiżguraw li l-politika agrikola tibqa' ffukata fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-ikel tal-popolazzjoni;***

Or. pt

Emenda 1306
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju; ***jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrikonoxxi, fir-reviżjoni li jmiss tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija, l-importanza tal-produzzjoni domestika ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħall-bijogass u l-bijofjuwils sostenibbli bħala parti integrali minn bijoekonomija ċirkolari virtuża, u bħala ingranaġġ rilevanti biex jissaħħu s-sorsi tal-introjtu għall-bdiewa;***

Or. en

Emenda 1307
Dario Nardella, Stefano Bonaccini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; ***jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi, fir-reviżjoni li jmiss tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija, l-importanza tal-produzzjoni domestika ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħall-bijogass u l-bijofjuwils sostenibbli bħala parti integrali minn bijoekonomija ċirkolari virtuża, u bħala ingranaġġ rilevanti biex jissaħħu s-sorsi tal-introjtu għall-bdiewa;*** jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;

Or. en

Emenda 1308
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda ***filwaqt li tingħata***

hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	***prijorità lil ċerti forom ta' użu, bl-alimentazzjoni fil-quċċata; jitlob li jiġi stabbilit approċċ flessibbli tal-politika tal-bijofjuwils sabiex tiġi sospiża l-produzzjoni tagħhom parzjalment jew totalment f'każ li l-prezzijiet jogħlew f'daqqa filwaqt li jingħata kumpens lill-industrijalisti għat-telf ta' attività li jġarrbu;*** jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;

Or. fr

Emenda 1309
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju; ***jenfasizza l-importanza li jiġi promoss, inċentivat u ppremjat is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija; ifakkar fl-importanza tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħall-agroforestrija, l-agroekoloġija, l-ekosistemi u l-kultivazzjoni tal-għadajjar għaż-żieda tal-bjar naturali tal-karbonju;***

Or. en

Emenda 1310
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li ***jitrawwem*** ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li ***jiġi enfasizzat u miżjud*** ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju***, inkluża l-produzzjoni ta' prodotti sekondarji, bħad-diġestat, li jintużaw bħala fertilizzanti organiċi li kapaċi li jnaqqsu d-dipendenza mill-importazzjonijiet ta' fertilizzanti kimiċi, filwaqt li jiġġeneraw valur miżjud għall-bdiewa u għall-katina tal-provvista agroalimentari kollha***;

Or. en

Emenda 1311
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li ***jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward*** tat-trobbija tal-bhejjem, peress li ***dan jista' jikkontribwixxi*** għal ***ċiklu virtuż*** tal-	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li ***jissaħħu l-funzjonijiet tal-ekosistema billi jitrawwmu sistemi sostenibbli tat-tkabbir tal-għelejjel, tal-agroforestrija u*** tat-trobbija tal-bhejjem ***li tinvolvi r-raġħa b'inputs esterni aktar***

karbonju;	***baxxi u b'hekk kostijiet tal-produzzjoni aktar baxxi***, peress li ***dawn jistgħu jikkontribwixxi*** għal ***ċikli virtuż*** tal-karbonju***, tal-ilma u tan-nutrijenti***;

Or. en

Emenda 1312
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ***ibbażat*** fuq ***il-bijoekonomija*** bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; ***jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi għal ċiklu virtuż tal-karbonju;***	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ***tal-agrikoltura bbażat*** fuq ***il-biedja bbażata fuq il-pjanti*** bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda;

Or. en

Emenda 1313
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi	33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudell ibbażat***, fost possibbiltajiet oħra,*** fuq il-bijoekonomija bħala sistema virtuża li tista' ssaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa u toffri impjiegi ġodda; jitlob, barra minn hekk, li jitrawwem ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem, peress li dan jista' jikkontribwixxi

għal ċiklu virtuż tal-karbonju;

għal ċiklu virtuż tal-karbonju;

Or. en

Emenda 1314
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jitlob li jissaħħaħ, fil-qafas tal-PAK, l-appoġġ għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-istrutturar ta' kooperattivi lokali agrikoli u alimentari integrati, li jiżguraw ir-rabtiet diretti bejn il-produtturi, il-proċessuri, id-distributuri u l-konsumaturi fuq livell territorjali; jenfasizza li dawn il-mudelli kooperattivi jiffavorixxu r-rilokalizzazzjoni tas-sistemi alimentari, remunerazzjoni aħjar tal-bdiewa, tranżizzjoni lejn prattiki aktar reżiljenti, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini f'dak li jirrigwarda l-kwalità, it-traċċabbiltà u s-sovranità alimentari; jitlob li l-PAK tappoġġja b'mod aktar attiv dawn l-inizjattivi permezz tal-programmi ta' żvilupp rurali, il-miżuri ta' kooperazzjoni u l-istrumenti ta' appoġġ għall-investiment kollettiv;

Or. fr

Emenda 1315
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej u

ċentri rurali ġodda bħala parti mill-istrateġiji tal-PAK wara l-2027 u tal-iżvilupp rurali, b'mod partikolari f'żoni inqas vantaġġjati u fejn qed tonqos il-popolazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu mmobilizzati l-fondi tal-PAK f'sinerġija mal-programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, u strumenti tal-politika ta' koeżjoni inklużi l-FEŻR u l-FSE+, sabiex titrawwem l-intraprenditorija lokali, jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u jinħoloq ambjent favorevoli biex jinżammu u jiġu attirati individwi b'livell għoli ta' ħiliet f'komunitajiet rurali;

Or. en

Emenda 1316
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jistieden lill-Kummissjoni taqleb minn approċċ ta' limitu ġeneriku u bbażat fuq l-input skont id-Direttiva dwar in-Nitrati lejn qafas orjentat lejn ir-riskju (u bbażat fuq ir-riskju) li jiffoka fuq it-tnaqqis tal-ammonti żejda tan-nitroġenu; jappoġġja l-introduzzjoni ta' miri operazzjonali għat-telf aċċettabbli tan-nutrijenti, li jippermettu aktar flessibbiltà għall-bdiewa f'żoni b'riskju baxx flimkien ma' standards aktar stretti f'żoni mniġġsa jew sensittivi għan-nixxija; jenfasizza li approċċ imfassal apposta bħal dan jinċentiva aħjar il-miżuri speċifiċi għall-azjendi agrikoli, itejjeb l-effiċjenza tal-użu tan-nutrijenti, u jsaħħaħ l-effettività ambjentali tad-Direttiva dwar in-Nitrati;

Or. en

Emenda 1317
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jisħaq fuq il-potenzjal tat-trobbija tan-nagħaġ u tal-fibri naturali miksuba mill-annimali fit-titjib tal-vijabbiltà ekonomika tas-settur, filwaqt li dawn jikkontribwixxu għall-kompetittività Ewropea u t-tranżizzjoni ekoloġika; jistieden lill-Kummissjoni tingrana l-innovazzjoni u t-teknoloġija għar-rivitalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-fibri tas-suf fl-UE u tibni mill-ġdid l-infrastruttura meħtieġa għall-ġbir u l-ipproċessar;

Or. en

Emenda 1318
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jenfasizza li l-preżervazzjoni tal-pajsaġġi kulturali diversi tal-Ewropa mhijiex biss ta' importanza ekoloġika u turistika, iżda anke aspett fundamentali tal-identità reġjonali u r-reżiljenza rurali fit-tul; jappella għalhekk għar-rikonoxximent u l-integrazzjoni espliċiti tagħhom tal-preżervazzjoni tagħhom bħala objettiv strateġiku fl-istrateġija tal-PAK wara l-2027;

Or. en

Emenda 1319
Elsi Katainen, Benoit Cassart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Ifakkar li sorsi ta' introjtu ġodda possibbli għall-bdiewa, ippjanati u li se jiġu proposti mill-Kummissjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod li ma jwassalx għas-sitwazzjoni li fiha l-ammont ta' xogħol jiżdied b'mod notevoli fil-livell tal-azjenda agrikola;

Or. en

Emenda 1320
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv l-iżvilupp ta' ċentri rurali ġodda u ekosistemi intraprenditorjali bħala parti mill-objettivi tal-iżvilupp rurali tal-PAK u f'koordinazzjoni mal-inizjattivi tal-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa; jenfasizza l-importanza ta' strumenti finanzjarji mfassla apposta, inkubaturi tan-negozju, networks ta' mentoraġġ u infrastruttura ta' innovazzjoni biex tingħata spinta lill-intraprenditorija rurali, jiġu attirati individwi b'livell għoli ta' ħiliet, u jiġi sfruttat il-potenzjal tal-innovazzjoni ta' reġjuni inqas żviluppati;

Or. en

Emenda 1321
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 1322
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni ***Mediterranji tal-Unjoni*** huma ***aktar*** vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa ***jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni*** biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom ***għat-tibdil fl-ambjent***;	34. Jissottolinja li ***l-Ewropa hija l-aktar kontinent li qed jisħon malajr fid-dinja u għandna opportunità unika u obbligu li niżguraw il-produzzjoni tal-ikel waqt li għad għandna l-provvisti tal-ilma biex nadattaw pereżempju nistabbilixxu tħawwil ġdid tal-agroforestrija; jinnota li*** r-reġjuni ***kollha tal-UE iżda b'mod partikolari l-baċir tal-Mediterran*** huma vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, ***l-għargħar,*** in-nirien u d-dežertifikazzjoni***, is-salinazzjoni tal-akwiferi, it-tnaqqis fil-livell tal-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art, iż-żieda fl-attakki tal-pesti u s-suxxettibbiltà għall-mard, eċċ.***, u li l-bdiewa ***għalhekk jeħtieġ li jiġu megħjuna*** biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom ***għat-tibdil fl-ambjent u sfidi***

ambjentali oħra;

Or. en

Emenda 1323
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34.Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji ***u tal-Lvant*** tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent; ***F'dan ir-rigward, iqis li huwa essenzjali li l-appoġġ mogħti lill-bdiewa jkun differenzjat u mfassal skont il-karatteristiċi ta' kull reġjun u r-riskji speċifiċi, permezz ta' pakketti ta' għajnuna li jipprevjenu u jtaffu l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti ta' kwalunkwe dannu;***

Or. ro

Emenda 1324
Elsi Katainen, Benoit Cassart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li ***r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti*** tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni***, u li l-bdiewa jeħtieġu*** jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex	34. Jissottolinja li ***l-impatti*** tat-tibdil fil-klima ***jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri***, ***u l-bdiewa jiffaċċjaw problemi*** bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni ***iżda anke pesti ġodda u mard tal-pjanti. Il-bdiewa jeħtieġ li*** jagħmlu sforzi akbar

jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent***, għalhekk huma meħtieġa investimenti għar-riċerka, l-innovazzjoni u soluzzjonijiet ġodda flimkien mas-servizzi konsultattivi fil-livell tal-azjenda agrikola***;

Or. en

Emenda 1325
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa ***jeħtieġu*** jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa ***għalhekk jeħtieġ li*** jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent***; jisħaq li jrid jingħata appoġġ komprensiv lill-komunitajiet rurali u lill-awtoritajiet lokali fl-ilħuq ta' dawn l-għanijiet***;

Or. en

Emenda 1326
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien ***u d-dežertifikazzjoni***, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex	34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji ***u ultraperiferiċi*** tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien***, id-dežertifikazzjoni u d-depopolazzjoni***, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar

jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;

Or. pt

Emenda 1327
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Susana Solís Pérez, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni ***Mediterranji*** tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jissottolinja li r-reġjuni ***tan-Nofsinhar*** tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, ***l-għargħar, ix-xita persistenti,*** in-nirien ***fil-foresti*** u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;

Or. es

Emenda 1328
Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa ***jeħtieġu jagħmlu sforzi*** akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jissottolinja li r-reġjuni Mediterranji ***u tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant*** tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-dežertifikazzjoni, u li l-bdiewa ***għalhekk jeħtieġ li jkollhom inċentivi*** akbar f'dawn ir-reġjuni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;

Or. en

Emenda 1329
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jenfasizza li r-reġjuni Mediterranji tal-UE huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni, u li ***l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn iż-żoni biex*** jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jenfasizza li r-reġjuni Mediterranji tal-UE huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni, u li ***b'hekk l-isforzi supplimentari mwettqa mill-bdiewa f'dawn ir-reġjuni*** biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent ***għandhom ikunu soġġetti għal akkumpanjament iddedikat***;

Or. fr

Emenda 1330
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jissottolinja li ***r-reġjuni Mediterranji tal-Unjoni huma aktar vulnerabbli għall-impatti*** tat-tibdil fil-klima***, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni***, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar ***f'dawn ir-reġjuni*** biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;	34. Jissottolinja li ***kull reġjun tal-UE huwa affettwat mill-konsegwenzi*** tat-tibdil fil-klima ***b'mod speċifiku***, u li l-bdiewa ***għalhekk*** jeħtieġu ***miżuri u għodod ta' appoġġ immirati biex*** jagħmlu sforzi akbar biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;

Or. en

Emenda 1331
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34a. Jenfasizza li r-reġjuni tal-fruntiera fil-parti tal-Lvant tal-UE, bħal-Lvant tal-Polonja, ir-Rumanija u l-pajjiżi Baltiċi, huma partikolarment esposti għall-konsegwenzi negattivi tal-gwerra fl-Ukrajna, qed jiffaċċjaw investiment dejjem jonqos, inċertezza fl-iżvilupp u sfidi soċjali u ekonomiċi serji. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, għandu jiġi stabbilit strument ta' investiment iddedikat fl-ambitu tal-PAK, li jkun immirat lejn ir-reġjuni tal-fruntiera vulnerabbli. Għandu jipprovdi appoġġ imfassal apposta għall-bdiewa, il-proċessuri, il-kumpaniji tal-loġistika u l-mikrointrapriżi sabiex tiġi stabbilizzata l-produzzjoni, jiġi inkoraġġit l-investiment lokali, jissaħħu l-ktajjen tal-provvista u tingħata spinta lill-iżvilupp ekonomiku rurali;

Or. en

Emenda 1332
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari; ***jemmen li għandhom jiġu***

ċirkolari;

stabbiliti miri kwantifikabbli fir-rigward ta' sena bażi biex jiġi segwit il-progress; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ u kejl, biex trażżan il-ħela tal-ikel li sseħħ fil-livell tal-produzzjoni primarja u l-istadji bikrija tal-katina tal-provvista, inkluż l-ikel mhux maħsud u l-ikel li jsib ruħu lura fl-għalqa; jitlob l-identifikazzjoni tal-prattiki tan-negozjar u l-bidliet ta' politika meħtieġa biex tiġi pprevenuta tali ħela tal-ikel; jisħaq li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jinkludu azzjonijiet ta' prevenzjoni tat-Telf u tal-Ħela tal-Ikel fil-livell tal-azjenda agrikola, inkluż appoġġ għall-iżvilupp ta' Ktajjen Qosra tal-Provvista tal-Ikel, li jnaqqsu r-riskji tal-ġenerazzjoni tal-ħela tal-ikel;

Or. en

Emenda 1333
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35.Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti ***u sostenibbli*** tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti***, innovattiv u ekonomiku*** tar-riżorsi u l-materjali***, jiġu appoġġjati miżuri biex jipprevjenu l-ħela tal-ikel fil-livell tal-azjenda agrikola u jikkonvertu l-eċċessi fi prodotti ta' valur miżjud, bħal bijokarburanti jew għalf tal-annimali, fi ktajjen tal-provvista qosra,*** u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

Or. ro

Emenda 1334
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari***, u billi jiġu promossi miżuri relatati mal-iskart qabel il-konsum, bħal preservattivi naturali b'baži bijoloġika li jestendu l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodotti tal-ikel***;

Or. pt

Emenda 1335
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel ***fil-katina*** agroalimentari, inkluż ***fl-agrikoltura,*** billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu ***l-miżuri tas-saħħa*** tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel ***fil-kampanja*** minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel ***tul il-katina*** agroalimentari, inkluż ***10 %[1a] fil-faži tal-produzzjoni agrikola, l-ewwel billi jiġi mminimizzat it-telf relatat mas-suq ta' ikel li jittiekel mhux maħsud fil-kampanja[1b] u t-tieni*** billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu ***t-tkabbir u s-saħħa*** tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi

ċirkolari;

evitat it-telf tal-ikel minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

_____

*[1a] **Sors: Eurostat (2023) (il-kodiċi tad-data online: env_wasfw); data tal-2020 data fi https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC133967, ara Figura 1***

*[1b] **Minħabba standards ta' kummerċjalizzazzjoni, it-tibdil fid-domanda tas-suq jew limitazzjonijiet kuntrattwali, li jiffurmaw estimu ta' nofs it-telf fil-kampanja. Blanke 2015, Agriculture 2015, 5(3), 389-399; https://doi.org/10.3390/agriculture5030389. Ħxejjex biss: 1/3 tal-għalla tibqa' fil-kampanja (medja ta' 30 % għall-ħxejjex, 40 % għall-patata) (Figura 4);***

Or. en

Emenda 1336
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari***, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħela tal-ikel b'impronta ambjentali akbar, bħall-proteini tal-annimali***;

Or. en

Emenda 1337
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, ***inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari***;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, ***bil-għan li tinkiseb sostenibbiltà tas-sistemi alimentari u billi jingħata kontribut għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi li jagħtu valur lill-prodotti tal-ikel u filwaqt li jiġi rikonoxxut l-isforz kollu li jsir biex jinkiseb dan***;

Or. es

Emenda 1338
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex ***dan jiġi ttrasformat*** fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti**,** ***nuqqas ta' osservanza tal-kuntratti mix-xerrejja*** jew biex ***dawn jiġu ttrasformati*** fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

Or. fr

Emenda 1339
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li ***tiġi mminimizzata*** l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari***, inkluż fl-agrikoltura,*** billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li ***jiġu minimizzati t-telf u*** l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali***, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-bdiewa tul il-katina tal-provvista tal-ikel*** u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

Or. en

Emenda 1340
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li ***tiġi mminimizzata*** l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari***, inkluż fl-agrikoltura,*** billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li ***jiġu minimizzati t-telf u*** l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali***, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-bdiewa tul il-katina tal-provvista tal-ikel*** u billi jissaħħu l-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti biex jiġi evitat it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

Or. en

Emenda 1341
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali ***u billi jissaħħu l-miżuri*** tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti ***biex jiġi evitat*** it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;	35. Iħeġġeġ li tiġi mminimizzata l-ħela tal-ikel fil-katina agroalimentari, inkluż fl-agrikoltura, billi jiġi żgurat l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi u l-materjali ***kif ukoll il-miżuri*** tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti ***li jevitaw*** it-telf tal-ikel fil-kampanja minħabba mard jew pesti, jew biex dan jiġi ttrasformat fi prodotti sekondarji li jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari;

Or. en

Emenda 1342
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jinnota fir-rigward tat-tnaqqis tat-telf tal-għelejjel relatat mal-pesti, li l-użu ta' ċerta produzzjoni integrata (IPM) jew metodi ta' kontroll agronomiku jew bijoloġiku[1a] se jġib ukoll benefiċċji kollaterali għar-reżiljenza u l-produttività ġenerali tas-sistemi agrikoli flimkien mal-kontroll tal-pesti[1b], b'mod speċjali waqt xokkijiet klimatiċi jew tat-tibdil fil-klima estremi; jappella għalhekk għal kalkoli komprensivi tal-kostijiet u tal-benefiċċji, għall-inklużjoni tagħhom fi Pjanijiet Strateġiċi, għal skemi ta' pagamenti ta' inċentivi ġeneruż u għall-inklużjoni f'informazzjoni pprovduta permezz ta' servizzi konsultattivi u ta' estensjoni

indipendenti;

[1a] bħar-rotazzjoni, strixxi tal-fjuri biex jattiraw pollinaturi u predaturi ta' pesti, iż-żrigħ bil-ftit, kultivazzjoni assoċjata/tkabbir malajr tal-għelejjel/kopertura bl-għelejjel

[1b] il-benefiċċji kollaterali jinkludu titjib fil-kwalità u s-saħħa tal-ħamrija, l-akkwist u ż-żamma tal-ilma u tan-nutrijenti, tnaqqis fl-erożjoni tal-ħamrija, eċċ.

Or. en

Emenda 1343
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora opzjonijiet għal aktar flessibbiltà fir-riallokazzjoni u l-adattament ta' żoni ta' Natura 2000, bil-għan li jkun permess il-ħolqien ta' żoni tan-natura akbar u aktar funzjonali b'mod ekoloġiku li jappoġġjaw aħjar il-bijodiversità; jisħaq li din il-flessibbiltà għandha tnaqqas ukoll il-kunflitti mhux meħtieġa bejn l-objettivi ta' konservazzjoni u l-attivitajiet agrikoli, u tippromwovi approċċi aktar kooperattivi fil-livell tal-pajsaġġ għall-użu tal-art;

Or. en

Emenda 1344
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti meħuda mill-bdiewa biex tissaħħaħ il-kwalità tal-ilma u jenfasizza l-ħtieġa ta' skeda ta' żmien xierqa biex tippermetti li l-effetti ta' dawn il-miżuri jiġu vvalutati b'mod preċiż skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar in-Nitrati; ifakkar fil-ħtieġa li dawn l-atti leġiżlattivi jkollhom finanzjament adegwat li ma jiddependix biss minn politiki oħra, bħall-PAK, sabiex jilħqu l-objettivi tagħhom;

Or. en

Emenda 1345
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-prinċipju tal-ebda projbizzjoni mingħajr soluzzjonijiet; jissottolinja li s-sustanzi attivi tal-protezzjoni tal-pjanti ma għandhomx jiġu pprojbiti mingħajr alternattivi vijabbli, effettivi u affordabbli, biex b'hekk jiġi żgurat li l-produzzjoni agrikola tista' tinżamm b'mod sikur u sostenibbli;

Or. en

Emenda 1346
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva għall-irkupru tan-nutrijenti tul il-katina agroalimentari, b'appoġġ iddedikat għall-innovazzjoni fis-separazzjoni, it-trattament u l-użu mill-ġdid tan-nutrijenti mill-ipproċessar tal-ikel, pereżempju, bħal flussi ċirkolari għat-trobbija tal-annimali, kif ukoll minn flussi tal-iskart mill-bejgħ bl-imnut u ta' wara l-konsumatur; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' standards u inċentivi biex dawn is-sorsi tan-nutrijenti sekondarji fl-agrikoltura jkunu jistgħu jintużaw b'mod sikur u effettiv;

Or. en

Emenda 1347
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Emenda 1388
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex ***jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa***, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;	38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex ***jiffaċilitaw l-aċċess għall-art filwaqt li jeskludu l-atturi mhux agrikoli; jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw b'liema mod l-aċċess għall-art jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' miżuri tat-taxxa***, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;
	Or. en

Emenda 1389
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38.Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li***, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri*** tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;	38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li ***l-kiri*** tal-art***, f'kundizzjonijiet ta' ċertezza legali u inċentivi fiskali,*** huwa alternattiva vijabbli ***għall-bdiewa żgħażagħ li ma għandhomx kapital*** fuq terminu qasir ***biex tiġi aċċessata l-art,*** peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;

Or. ro

Emenda 1390
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex ***jippromwovu*** l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan	38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex ***jirregolaw ix-xiri u*** l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll

jista’ jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;	is-saħħa tal-ħamrija;

Or. en

Emenda 1391
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b’mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b’hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta’ pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista’ jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;	38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b’mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b’hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta’ pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ***, nisa*** u ġodda, u dan jista’ jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;

Or. en

Emenda 1392
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b’mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-	38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b’mod adegwat il-problema tat-telf tal-art agrikola; jenfasizza li, biex tiġi aċċessata l-art, il-kiri tal-art huwa alternattiva vijabbli fuq terminu qasir peress li jirrikjedi inqas riżorsi għall-installazzjoni u jiffavorixxi t-

tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;	tiġdid ġenerazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki biex jippromwovu l-kiri tal-art, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa, u b'hekk jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' pussess tal-art u ż-żmien għall-investiment, speċjalment għall-bdiewa ***nisa,*** żgħażagħ u ġodda, u dan jista' jtejjeb ukoll is-saħħa tal-ħamrija;

Or. en

Emenda 1393
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jappella għall-protezzjoni tal-art agrikola u l-oppożizzjoni għal kwalunkwe miżura leġiżlattiva li tikkomprommetti pajsaġġi kulturali u tal-art agrikola ta' kwalità għolja, u jitlob li l-leġiżlazzjoni Ewropea futura dwar in-natura taghti flessibbiltà massima lill-Istati Membri, b'evalwazzjonijiet regolari biex tiġi żgurata l-fattibbiltà prattika u tiġi pprevenuta applikazzjoni differenzjali mmexxija minn aġendi politiċi nazzjonali;

Or. en

Emenda 1394
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jilqa' b'interess l-Osservatorju Ewropew tal-Art Agrikola l-ġdid, imħabbar mill-Kummissjoni ,li għandu jikkontribwixxi biex jipprovdi data li

tagħti direzzjoni lill-iżvilupp ta' politiki sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni tal-art agrikola u jkun hemm aktar trasparenza fis-suq tal-art agrikola tal-Unjoni Ewropea;

Or. es

Emenda 1395
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38b. Jappella għal rievalwazzjoni komprensiva taż-żoni deżinjati ta' Natura 2000, inkluża t-tneħħija ta' speċijiet u ħabitats li ma ntweriex li huma preżenti fil-ħin tad-deżinjazzjoni, u għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats li tirrappreżenta aħjar ir-rekwiżiti soċjoekonomiċi, sabiex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet mhux meħtieġa u tittaffa l-pressjoni żejda fuq iż-żoni tal-madwar;

Or. en

Emenda 1396
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38c. Jopponi bil-qawwa kwalunkwe forma ta' esproprjazzjoni ta' azjendi agrikoli u art agrikola għall-fini tar-restawr tan-natura;

Or. en

Emenda 1397
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. ***Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim*** ta' kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI ***bħala mudell promettenti li jista' jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ u l-politiki dwar l-ilma fl-Istati Membri kollha***;	39. ***Jinnota l-ftehim*** ta' kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI ***u l-livell ta' finanzjament modest propost; jemmen bil-qawwa li r-rwol tal-BEI għandu jiffoka fuq il-provvista ta' finanzjament b'kost baxx għall-finanzjament tat-tqabbil għal elementi kapitali u proġetti tal-infrastruttura li l-bdiewa jistgħu jkunu involuti fihom bħala parti minn programm ta' modernizzazzjoni***;

Or. en

Emenda 1398
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim ta' kooperazzjoni ***mal-Grupp tal-BEI*** bħala mudell promettenti li jista' jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji maħsuba ***għall-bdiewa*** żgħażagħ u l-politiki dwar ***l-ilma*** fl-Istati Membri kollha;	39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim ta' kooperazzjoni ***mal-BEI*** bħala mudell promettenti li jista' jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji maħsuba ***għal ħafna aspetti tal-PAK inklużi l-bdiewa*** żgħażagħ***, il-klima u r-reżiljenza tas-suq*** u l-politiki dwar ***ir-reżiljenza tal-ilma*** fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 1399
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI bħala mudell promettenti li jista' jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ u l-politiki dwar l-ilma fl-Istati Membri kollha;	39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI bħala mudell promettenti li jista' jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ ***u n-nisa*** u l-politiki dwar l-ilma fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 1400
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;	40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ ***u n-nisa*** jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ***, nisa*** u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali; ***jistenna b'interess il-preżentazzjoni li jmiss tal-Istrateġija Ewropea għas-Sostituzzjoni Ġenerazzjonali mħabbra mill-Kummissjoni; jilqa' wkoll b'sodisfazzjon il-ħolqien prospettiv tal-pjattaforma tal-bdiewa nisa, bħala forum għal dibattitu u skambju tal-aħjar prattiki, li jippermetti t-tishih tal-parteċipazzjoni u l-opportunitajiet indaqs fis-settur agrikolu;***

Or. es

Emenda 1401
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex ***iż-żgħażagħ*** jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;	40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex ***in-nisa u ż-żgħażagħ*** jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa ***nisa,*** żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali; ***jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri ambizzjużi biex tiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali fl-Istrateġija tal-UE għat-Tiġdid Ġenerazzjonali mħabbra, li għandha tindirizza wkoll id-diffikultà akbar li jħabbtu wiċċhom b'mod partikolari n-nisa żgħażagħ meta jkunu jixtiequ jsiru bdiewa;***

Or. en

Emenda 1402
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi;	40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi;

jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv ***huwa eċċessiv u li l-mudell attwali*** tal-PAK ***jista' jittejjeb*** biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda***, filwaqt li jenfasizza*** li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;	jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv ***jista' jiskoraġġixxi lill-entranti ġodda, flimkien mal-limiti aktar baxxi li jipprevjenu l-aċċess għal bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar ġodda pereżempju f'sistemi agrikoli tal-frott u l-ħxejjex jew imħalltin; jinnota li l-interfaċċa tal-applikant*** tal-PAK ***attwali tista' tiġi ssimplifikata u mtejba*** biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda***; jisħaq*** li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali***, u anke finanzjament privat bħal banek***;
	Or. en

Emenda 1403
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;	40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali; ***Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li jsir provvediment permezz tal-PAK għall-istabbiliment ta' Ċentri Nazzjonali għat-taħriġ tal-bdiewa żgħażagħ.***
	Or. ro

Emenda 1404
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;	40. Jirrikonoxxi l-isforz li sar permezz tal-miżuri tal-PAK biex iż-żgħażagħ jiġu integrati fl-agrikoltura, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali aktar periferiċi; jirrimarka, madankollu, li l-piż amministrattiv huwa eċċessiv u li l-mudell attwali tal-PAK jista' jittejjeb ***billi jiġu ssimplifikati l-formoli u ddiġitalizzati l-proċessi*** biex jitħaffef l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda ***u jagħmel il-professjoni aktar attraenti***, filwaqt li jenfasizza li l-PAK ma tistax tkun l-unika għodda biex trawwem it-tiġdid ġenerazzjonali, iżda għandha tiġi appoġġjata minn strateġiji nazzjonali;

Or. ro

Emenda 1405
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***40a. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu kundizzjonijiet adegwati sabiex jippromwovu parteċipazzjoni akbar tan-nisa fl-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-settur agrikolu fil-korpi tat-tmexxija tal-impriżi u l-organizzazzjonijiet agrikoli, u tal-entitajiet li jirrappreżentaw lin-nisa rurali fid-dibattiti u t-teħid ta' deċiżjonijiet;**

Or. es

Emenda 1406
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu l-kundizzjonijiet it-tajbin biex tiġi promossa parteċipazzjoni akbar min-nisa f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-settur agroalimentari u fil-korpi tal-ġestjoni tal-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet agrikoli, kif ukoll f'entitajiet li jirrappreżentaw lin-nisa rurali fid-diskussjonijiet u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1407
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' promozzjoni soċjali ddestinati għall-impjegati agrikoli li jixtiequ jsiru bdiewa***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri; ***jappoġġja l-***

ġeneralizzazzjoni tal-inkubaturi tal-impriżi agrikoli li jiffaċilitaw l-aċċess għall-artijiet bil-għan li l-proponenti ta' proġetti ta' installazzjonijiet jkunu jistgħu jitħarrġu għal xi snin f'qafas strutturar qabel ma jieħdu farm awtonomu;

Or. fr

Emenda 1408
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq ***il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ***, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, ***inklużi l-ħiliet*** fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq ***l-importanza li jiġu pprovduti servizzi konsultattivi mfassla apposta biex jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ u lill-entranti ġodda, qabel l-installazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin***, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, ***kif ukoll*** fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ddiversifikati l-mudelli ta' konsultazzjoni biex jiġu indirizzati aħjar id-diversità tal-bdiewa u modi ġodda ta' tagħlim;***

Or. en

Emenda 1409
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri***;***	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli ***għall-entranti ġodda u*** għall-bdiewa żgħażagħ***, b'mod speċjali n-nisa,*** matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom***.*** Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut ***appoġġ għas-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u*** aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari ***fl-għarfien u l-ħiliet agroekoloġiċi,*** fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, ***fil-kummerċjalizzazzjoni diretta,*** fis-saħħa mentali u fil-benesseri***. jisħaq li għandha tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni fit-taħriġ fost il-ħaddiema dipendenti;***

Or. en

Emenda 1410
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ ***u ġodda, b'mod speċjali n-nisa,*** matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut ***appoġġ għat-trasferiment ta' azjenda agrikola,*** aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali,

ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;

tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;

Or. en

Emenda 1411
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ, ***b'mod speċjali n-nisa,*** matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut ***appoġġ għall-proċess tat-trasferiment u*** aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;

Or. en

Emenda 1412
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-

PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju***, fis-servizzi professjonali inklużi l-kontabbiltà u dawk legali,*** tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;
	Or. en

Emenda 1413
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja ***sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent***, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;
	Or. en

Emenda 1414
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, ***tad-diversifikazzjoni*** tan-negozju, ***tal-ġestjoni*** u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, ***fl-ippjanar ekonomiku, fid-diversifikazzjoni*** tan-negozju, ***fil-ġestjoni*** u ***l-metodi*** tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;
	Or. es

Emenda 1415
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;	41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-għajnuna għall-ħolqien ta' negozji u għall-investiment disponibbli ***għan-nisa u*** għall-bdiewa żgħażagħ matul il-perjodu baġitarju tal-PAK, u jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet kollha disponibbli biex jappoġġjawhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-kompetenzi soċjali, diġitali, tad-diversifikazzjoni tan-negozju, tal-ġestjoni u tal-biedja sostenibbli, inklużi l-ħiliet fil-komunikazzjoni, fit-tmexxija, fis-saħħa mentali u fil-benesseri;
	Or. en

Emenda 1416
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tesplora kif il-PAK tista' tappoġġja mudelli tan-negozju ġodda għall-bdiewa fit-triq lejn agrikoltura saħansitra aktar sostenibbli u kompetittiva fl-Ewropea;

Or. en

Emenda 1417
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq iż-żieda fl-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq;	42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq iż-żieda fl-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu rotot għad-dħul fl-agrikoltura permezz ta' arranġamenti u sħubiji agrikoli kollaborattivi;***

Or. en

Emenda 1418
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq iż-żieda fl-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq;	42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq iż-żieda fl-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri ***jikkoordinaw, fuq livell regolari u komprensiv, mal-awtoritajiet lokali u*** jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq;

Or. en

Emenda 1419
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi ***l-iskambju*** tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq iż-żieda ***fl-effiċjenza***, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq;	42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi ***sħubiji għall-iskambju*** tal-aħjar prattiki u ideat innovattivi bejn l-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq***, u taħriġ dwar,*** iż-żieda ***fis-sostenibbiltà, l-effiċjenza***, is-simplifikazzjoni u l-aċċessibbiltà, u t-tnaqqis tal-burokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' punt uniku ta' servizz biex jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi fl-ambitu territorjali l-aktar xieraq;

Or. en

Emenda 1420
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-rabta bejn l-Erasmus+ u l-inizjattivi għall-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-PAK billi joħolqu toroq ta' riintegrazzjoni għaż-żgħażagħ li jirritornaw f'żoni rurali wara studju jew taħriġ barra mill-pajjiż, inkluż l-appoġġ għall-ħolqien tan-negozju, il-kondivižjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni agrikola; jenfasizza r-rwol taż-żgħażagħ li jirritornaw bħala katalisti għall-modernizzazzjoni u l-iżvilupp lokali fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 1421
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta kif il-PAK tista' tappoġġja mudelli ta' negozju innovattivi li jippermettu lill-bdiewa jiksbu valur miżjud jew premjijiet, u b'hekk it-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli tkun sitwazzjoni li fiha kulħadd jirbaħ, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur;

Or. it

Emenda 1422
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku; ***jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu servizzi li joħolqu rabtiet bejn il-bdiewa li qed jirtiraw mal-bdiewa żgħażagħ jew ġodda u jiżviluppaw programmi strutturati ta' konsulenza biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-għarfien;***

Or. en

Emenda 1423
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43.Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, ***u jappoġġjaw it-trasferiment*** tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi ***fiskali u istituzzjonali*** biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż ***u ppjanat***, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II ***fost l-oħrajn***, ***akkumpanjati b'appoġġ loġistiku u parir legali għat-trasferiment*** tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda***, mingħajr ma tiġi pperikolata l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli,*** li jkun ta' benefiċċju reċiproku; ***u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attività agrikola;***

Or. ro

Emenda 1424
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku; ***jenfasizza n-nuqqas ta' komunikazzjoni dwar is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u jisħaq fuq l-importanza ta' inċentivi u appoġġ li jippermettu diskussjonijiet u komunikazzjoni miftuħa;***

Or. en

Emenda 1425
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż ***u l-bidla ġenerazzjonali***, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;

Or. hu

Emenda 1426
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati ***mill-Pilastru II***, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati ***minn fondi apparti***, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;

Or. fr

Emenda 1427
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, ***iffinanzjati mill-Pilastru II,*** u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' rtirar bikri mill-attività agrikola, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;

Or. en

Emenda 1428
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż, jiġifieri skemi ta' ***rtirar bikri mill-attività agrikola, iffinanzjati mill-Pilastru II***, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;	43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu mekkaniżmi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn irtirar dinjituż***[1a]***, jiġifieri skemi ta' ***pensjoni ġusta għall-bdiewa***, u jappoġġjaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli lil bdiewa żgħażagħ u ġodda li jkun ta' benefiċċju reċiproku;
	_____
	[1a] Din tkun nefqa ġdida għall-PAK: il-pagament tal-irtirar bikri ma ġiex iffinanzjat mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Il-miżuri mill-2013 għamlu enfasi fuq il-kisba ta' entranti ġodda minflok fuq dawk li qed jirtiraw. https://www.europarl.europa.eu/ftu/pdf/mt/FTU_3.2.2.pdf
	Or. en

Emenda 1429
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	43a. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintegraw l-inċentivi ta' ritorn u ta' riintegrazzjoni għall-bdiewa żgħażagħ u l-professjonisti fiż-żoni rurali fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, inklużi miżuri bħall-għajnuna inizjali, l-appoġġ għall-akkomodazzjoni u l-vantaġġi fiskali; jappella għall-użu tal-fondi tal-PAK f'sinerġija mal-istrumenti f'livell nazzjonali u tal-UE biex jappoġġjaw lil dawk li jirritornaw u jimmassimizzaw l-impatt tagħhom fuq ir-rivitalizzazzjoni u l-innovazzjoni rurali;

Or. en

Emenda 1430
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' programmi ta' appoġġ u viżibbiltà li jirriflettu l-istil ta' ħajja rikka u sodisfaċenti li s-settur tal-biedja jista' joffri, filwaqt li jenfasizza l-valur u l-impenn tal-bdiewa fir-rigward tan-natura, is-sigurtà tal-ikel u l-kwalitajiet proprji u l-valuri inerenti fix-xogħol tal-professjonisti tal-għelieqi;	44. Jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' programmi ta' appoġġ u viżibbiltà li jirriflettu l-istil ta' ħajja rikka u sodisfaċenti li s-settur tal-biedja jista' joffri, filwaqt li jenfasizza l-valur u l-impenn tal-bdiewa fir-rigward tan-natura, is-sigurtà tal-ikel u l-kwalitajiet proprji u l-valuri inerenti fix-xogħol tal-professjonisti tal-għelieqi; ***jisħaq fuq l-importanza ta' politika ta' promozzjoni tal-UE b'saħħitha u ffinanzjata tajjeb, użata biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-kwalitajiet tal-prodotti agrikoli u tal-ikel tal-UE fix-xena internazzjonali li ssir saħansitra aktar importanti waqt perjodi ta' inċertezza ekonomika;***

Or. en

Emenda 1431
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' programmi ta' appoġġ u viżibbiltà li jirriflettu l-istil ta' ħajja rikka u sodisfaċenti li s-settur tal-biedja jista' joffri, filwaqt li jenfasizza l-valur u l-impenn tal-bdiewa fir-rigward tan-natura, is-sigurtà tal-ikel u l-kwalitajiet proprji u l-	44. Jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' programmi ta' appoġġ u viżibbiltà li jirriflettu l-istil ta' ħajja rikka u sodisfaċenti li s-settur tal-biedja jista' joffri, filwaqt li jenfasizza l-valur u l-impenn tal-bdiewa fir-rigward tan-natura, is-sigurtà tal-ikel u l-kwalitajiet proprji u l-

valuri inerenti fix-xogħol tal-professjonisti tal-għelieqi;	valuri inerenti fix-xogħol tal-professjonisti tal-għelieqi; ***jisħaq li l-konsistenza tal-politiki maż-żmien hija essenzjali biex ikunu permessi objettivi ċari u fit-tul għas-settur tal-biedja;***

Or. en

Emenda 1432
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jissottolinja li l-programmi ta' appoġġ għan-nisa fl-agrikoltura għandhom jitfasslu b'mod li jkun prattiku, effettiv u orjentat lejn ir-riżultati, filwaqt li jiżguraw parteċipazzjoni u impatt reali, minflok ma jibbażaw fuq miżuri simboliċi jew jintroduċi kumplessità amministrattiva ulterjuri;

Or. en

Emenda 1433
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-appoġġ tal-PAK li għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, inkluż aċċess aktar faċli għal self, taħriġ jew għajnuna finanzjarja;

Or. en

Emenda 1434
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jattiraw aktar nisa għall-biedja billi jsaħħu l-involviment u l-opportunitajiet ugwali tagħhom fis-settur tal-biedja;

Or. en

Emenda 1435
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea talloka baġits separatament għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ f'żoni rurali mingħajr rekwiżiti ta' kofinanzjament.

Or. ro

Emenda 1436
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jitlob li tissaħħaħ il-kundizzjonalità soċjali biex tkun żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fuq azjendi agrikoli u tul il-katina tal-valur tal-ikel;

Emenda 1437
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ***ferm*** biex il-bdiewa ***jinvestu f'teknoloġiji ġodda*** li jkunu adattati ***għad-daqs tal-azjendi agrikoli*** tagħhom, ***bħal*** għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	45. ***Ifakkar li s-soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jkunu ta' teknoloġija avvanzata kif ukoll ta' teknoloġija ta' livell baxx u b'kost għoli kif ukoll baxx, u li xi whud jirrikjedu investiment għoli ta' għarfien kemm fir-riċerka kif ukoll fit-twettiq, u għalhekk jappella għall-investiment tal-fondi pubbliċi mill-Istati Membri fis-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) tal-PAK biex tkun tista' ssir il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet, kemm permezz ta' servizzi konsultattivi indipendenti għall-azjendi agrikoli u b'mod speċjali permezz tat-tagħlim bejn il-pari;*** jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa***, LIFE,*** u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa biex il-bdiewa ***jadottaw teknoloġiji innovattivi*** li jkunu adattati ***għall-ħtiġijiet*** tagħhom, ***bħall-kura tal-ħamrija, il-monitoraġġ tal-pesti, in-newba ottimali tal-għelejjel[1a], il-kontroll bijoloġiku, (IPM) integrata, l-agroforestrija,*** għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali***, tal-monitoraġġ u tal-ippjanar, u għodod tal-biedja*** li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura***, filwaqt li jevitaw id-dejn u dipendenzi ġodda jew il-benessri tal-annimali***; ***jagħmel enfasi wkoll fuq forom soċjoekonomiċi innovattivi ta' kooperazzjoni li jgħinu fil-kondiviżjoni tar-riskju u jaqsmu jew jifirxu l-kostijiet, bħall-ġbir flimkien jew il-kondiviżjoni tar-riżorsi, għal makkinarju jew servizzi speċjalizzati;***

[1a] F***ir-rigward tal-għażla tal-għelejjel, is-suq, il-klima, il-pressjoni tal-pesti, speċijiet awżiljari ta' benefiċċju, eċċ.***

Or. en

Emenda 1438
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura; ***jargumenta, f'dan il-kuntest, li l-programm Orizzont Ewropa jenħtieġ li jinkludi pilastru speċifiku ddedikat għall-agrikoltura, immirat lejn il-promozzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien fis-settur agroalimentari; jisħaq li l-innovazzjoni teknoloġika hija essenzjali biex jinkisbu kisbiet konkreti fil-produttività, l-effiċjenza fir-riżorsi, is-sostenibbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima; iqis, barra minn hekk, li żieda fl-investiment fir-riċerka applikata fis-settur agrikolu hija kruċjali biex jiġu appoġġjati soluzzjonijiet prattiċi u aċċessibbli li huma mfassla għad-diversità territorjali u r-realtà soċjoekonomika tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea.***

Or. pt

Emenda 1439
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali ***li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura***;	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali***; jappella għal żieda fil-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għall-istrateġiji dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp ta' mudell agrikolu aktar sostenibbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati u adottati strateġiji biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel li se jnaqqsu l-inċidenza ta' għargħar, nixfa u nirien fis-selvaġġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u jiġu appoġġjati l-introjti tal-bdiewa***;

Or. en

Emenda 1440
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda ***li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom***, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali***, li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, u li jappoġġjaw lill-bdiewa li jiffaċċjaw investimenti inizjali u riskji***

l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	***possibbli assoċjati mal-adozzjoni ta' prattiki ġodda*** li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura; ***jisħaq fuq il-potenzjal tal-PAK fil-promozzjoni ta' aċċess ekwu għall-innovazzjoni, b'mod partikolari għal azjendi agrikoli żgħar, li għandu jissaħħaħ fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;***

Or. en

Emenda 1441
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura; ***jisħaq li l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħal droni, għandu jkun akkumpanjat ukoll minn qafas legali prammatiku sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom;***

Or. en

Emenda 1442
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex ***il-bdiewa***	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex ***jinżamm***

jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	***u jissaħħaħ l-appoġġ għad-diversifikazzjoni*** tal-agrikoltura ***u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji agroekoloġiċi, inkluż billi jiġi sfruttat il-potenzjal li t-teknoloġiji diġitali u l-biedja ta' preċiżjoni joffru biex jiġu ġestiti d-diversità u l-kumplessità tal-agrosistemi***;

Or. en

Emenda 1443
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa***, il-Programm Ewropa Diġitali*** u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;

Or. es

Emenda 1444
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u	45. Jenfasizza li l-PAK, Orizzont Ewropa u skemi oħra ta' finanzjament għal appoġġ huma meħtieġa ferm biex il-bdiewa jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza***, il-***

l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;	***kompetittività*** u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;

Or. en

Emenda 1445
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi emendi mmirati għar-Regolament (KE) 1107/2009 sabiex tistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni rapida għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika; jappella wkoll għal aktar investiment fl-iżvilupp, l-awtorizzazzjoni u l-varar fuq skala kbira ta' teknoloġiji tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM), inklużi l-bexx bi preċiżjoni, l-għodod għall-appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet, is-sistemi tal-kameras u l-immudellar tat-tkabbir tal-għelejjel biex jissaħħu l-protezzjoni u r-reżiljenza sostenibbli tal-għelejjel;

Or. en

Emenda 1446
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u l-PAK wara l-2027 sabiex jiżdied l-

investiment fir-R&Ż f'reġjuni rurali li jbatu minn eżodu ta' mħuħ u livell baxx ta' kapaċità ta' innovazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati proġetti ta' riċerka applikata u ta' innovazzjoni agrikola li jkunu ta' benefiċċju dirett għall-bdiewa lokali, il-kooperattivi u l-intraprendituri rurali, biex b'hekk jissaħħu l-koeżjoni territorjali u l-attraenza taż-żoni rurali għar-riċerkaturi żgħażagħ u l-professjonisti ta' ħila;

Or. en

Emenda 1447
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jenfasizza r-rwol fundamentali tas-sistemi konsultattivi għall-azjendi agrikoli fit-tixrid tal-innovazzjoni u l-għarfien, l-istimolu tal-iskambju tal-esperjenzi u l-promozzjoni ta' dimostrazzjonijiet prattiċi, b'mod partikolari billi jaħdmu fil-livell lokali biex jadattaw aħjar għar-realtajiet speċifiċi fil-prattika; jisħaq f'dan ir-rigward fuq ir-rwol tal-PAK fl-inizjattivi tal-iżvilupp tal-kapaċità u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, essenzjali biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati u tiġi promossa l-implimentazzjoni b'suċċess tal-innovazzjonijiet;

Or. en

Emenda 1448
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, il-kooperattivi u l-gruppi tal-produtturi fl-appoġġ tal-adozzjoni tal-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ immirat għall-kapaċità tagħhom li jaġixxu bħala multiplikaturi tal-għarfien diġitali, tfassal b'mod konġunt soluzzjonijiet adattati fuq livell lokali u tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi tal-innovazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura;

Or. en

Emenda 1449
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jappella għall-appoġġ kontinwu għat-tekniki tal-biedja innovattivi bħal dawk użati fil-biedja organika u prattiki agroekoloġiċi oħra użati f'sistemi organiċi u dejjem aktar f'dawl konvenzjonali, biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-inputs u d-dipendenzi esterni fl-agrikoltura, u jissaħħu l-awtonomija u s-sovranità tal-ikel;

Or. en

Emenda 1450
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jenfasizza l-importanza tal-ingranaġġ tal-finanzjament privat fil-PAK biex jiżdied l-investiment fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali billi jiġu mmobilizzati aktar riżorsi fit-tul għall-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, b'mod speċjali lejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif ukoll negozji tal-familja;

Or. en

Emenda 1451
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ambitu orizzontalment permezz tal-politiki kollha tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali, għal soluzzjonijiet innovattivi li, fost affarijiet oħra, jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-emissjonijiet;

Or. nl

Emenda 1452
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jitlob li jissaħħaħ il-finanzjament tar-riċerka applikata fuq l-alternattivi għall-prodotti fitosanitarji kimiċi, sabiex jingħata appoġġ aħjar lill-bdiewa fit-

tranżizzjoni tagħhom lejn prattiki aktar sostenibbli;

Or. fr

Emenda 1453
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45b. Jissottolinja li l-esponiment kroniku għall-pestiċidi huwa assoċjat ma' rata għolja ta' kanċer, mard newrodiġenerattiv u problemi ormonali fost il-bdiewa; jitlob li l-PAK issostni b'mod attiv it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi, it-tranżizzjoni, u l-istabbiliment ta' strumenti ta' prevenzjoni, ta' insegwiment mediku u ta' kumpens għall-ħaddiema agrikoli esposti;

Or. fr

Emenda 1454
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45b. Jappella għall-użu akbar tas-satelliti, l-Internet tal-Oġġetti (IoT), u teknoloġiji simili għall-ġbir tad-data operazzjonali biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-konformità mingħajr ma jiġu imposti kostijiet addizzjonali fuq il-bdiewa, filwaqt li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema bbażata fuq il-fiduċja fejn bdiewa affidabbli jistgħu jiċċertifikaw huma stess il-konformità tagħhom, ikkomplementata minn awditi

mmirati u bbażati fuq ir-riskju aktar milli spezzjonijiet ġenerali ta' rutina;

Or. en

Emenda 1455
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1456
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu*** ta' tekniki ġenomiċi ġodda ***(NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li***	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***; jissottolinja l-importanza tas-sigurtà u d-diversità taż-żerriegħa, b'mod partikolari tal-promozzjoni tal-proteini tal-pjanti***

jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

mkabbra fl-UE biex jiġi pprovdut ikel u għalf miksuba lokalment b'valur nutrizzjonali għoli filwaqt li jingħata lill-bdiewa aċċess għal żrieragħ ta' kwalità għal varjetajiet ta' pjanti adattati għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima, inklużi varjetajiet tradizzjonali u adattati lokalment; jenfasizza li t-tekniki ġenomiċi ġodda jqajmu tħassib sinifikanti peress li huma mpinġija b'mod żbaljat bħala t-triq għall-agrikoltura sostenibbli; jissottolinja wkoll li l-għelejjel miksuba permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda ***jridu jibqgħu jiġu rregolati bħala OĠM, billi jinżammu valutazzjoni tas-sigurtà qabel it-tqegħid fis-suq u approvazzjoni, traċċabbiltà u tikkettar biex jippermettu l-għażla tal-konsumatur; iqajjem kuxjenza dwar l-effetti negattivi potenzjali tal-konċentrazzjoni u tal-monopolizzazzjoni fis-settur taż-żerriegħa; jenfasizza li l-multiplikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda tagħmilha saħansitra aktar importanti li l-valutazzjoni tar-riskju tkun tajba: tkun ibbażata fuq ix-xjenza ppubblikata b'mod indipendenti l-aktar reċenti u rilevanti, prodotta u rieżaminata minn xjenzati indipendenti mill-industrija, bl-aġenziji tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE jingħataw ir-riżorsi li għandhom bżonn biex iwettqu l-missjoni tagħhom f'kundizzjonijiet tajba;***

Or. en

Emenda 1457
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal ***pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju***	46. Jappella għal ***agrikoltura aktar sostenibbli u adattabbli, filwaqt li jiċħad bil-qawwa l-użu tat-teknoloġija tal-MĠ;***

billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; ***jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;***

Or. hu

Emenda 1458
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun ***l-uniku triq*** lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;***	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun ***parti mit-triq*** lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***;***

Or. en

Emenda 1459
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta'	46. Jappella għal pakkett kbir ta'

investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun ***l-uniku triq*** lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***; ***jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;***	investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun ***parti mit-triq*** lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***;***

Or. en

Emenda 1460
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal ***kbir tal-użu*** ta' tekniki ***ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***; ***jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;***	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal ta' tekniki ***tat-tnissil tal-pjanti***;

Or. en

Emenda 1461
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, ***pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***; ***jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;***	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, ***b'mod speċjali għat-tranżizzjoni lejn agrikoltura bbażata fuq il-pjanti, li se tgħin biex tinkiseb in-newtralità klimatika, tiġi ppreżervata l-bijodiversità u tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel***;

Or. en

Emenda 1462
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***inqas fertilizzanti u inqas ilma***; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li ***din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża*** fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti***, kif ukoll soluzzjonijiet oħra,*** li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ***u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi bħall-fertilizzanti u l-ilma***; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid***, meta jkun xieraq, u proċeduri tal-awtorizzazzjoni aktar mgħaġġla*** biex jiġi żgurat li ***dawn it-teknoloġiji u l-prodotti innovattivi jkunu jistgħu jintużaw*** fl-UE ***aktar kmieni*** u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

Or. en

Emenda 1463
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***;*** jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma ***filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe projbizzjoni ulterjuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jekk l-alternattivi jkunu għadhom mhumiex disponibbli,*** jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

Or. en

Emenda 1464
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li ***jistgħu*** jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u

jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi ***filwaqt li jiġu żgurati t-traċċabbiltà u t-tikkettar biex jittejbu l-aċċettazzjoni u l-informazzjoni tal-konsumaturi***;

Or. en

Emenda 1465
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat***, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT)*** biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex ***jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex*** jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat ***u biex jiġu esplorati l-aħjar opzjonijiet*** biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

Or. en

Emenda 1466
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni,	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment ***barra mill-PAK*** għar-riċerka u

li ***se*** jkun ***l-uniku*** triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal ***kbir*** tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi***;	l-innovazzjoni, li jkun triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) ***mingħajr privattivi, ittikkettati u traċċabbli,*** biex jiġu żviluppati ***b'mod ġenerali*** għelejjel aktar reżiljenti ***u sistemi tat-tkabbir tal-għelejjel*** li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***sintetiċi***, inqas fertilizzanti u inqas ilma***, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' prekawzjoni; jinnota l-firxa wiesgħa ta' tekniki tat-tnissil diġà disponibbli u l-opzjonijiet tat-twettiq għal sistemi b'input baxx***;
	Or. en

Emenda 1467
Thomas Waitz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li ***se*** jkun ***l-uniku*** triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal ***kbir*** tal-użu ta' tekniki ***ġenomiċi ġodda (NGT)*** biexjiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi***;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment ***barra mill-PAK*** għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkun triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal tal-użu ta' tekniki ***u approċċi differenti*** biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti ***u sistemi tat-tkabbir tal-għelejjel*** li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***sintetiċi***, inqas fertilizzanti u inqas ilma***, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' prekawzjoni; jinnota l-firxa wiesgħa ta' tekniki tat-tnissil diġà disponibbli[1a] u l-opzjonijiet tat-twettiq għal sistemi b'input baxx***;
	[1a] Madwar 24 teknika użati biex jiġu prodotti >99 % tal-varjetajiet tal-għelejjel disponibbli

Or. en

Emenda 1468
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li ***din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża*** fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	46. Jappella għal pakkett kbir ta' investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma***, u billi jiġu żviluppati l-bijostimulanti***; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li ***dawn it-teknoloġiji innovattivi jkunu jistgħu jintużaw*** fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

Or. nl

Emenda 1469
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46.Jappella għal pakkett ***kbir*** ta' investiment ***għar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jkun l-uniku triq lejn*** settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, ***pereżempju billi jiġi żviluppat il-potenzjal kbir tal-użu*** ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma; jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat	46. Jappella għal pakkett ***konsistenti u ambizzjuż*** ta' investiment ***għall-innovazzjoni u r-riċerka fundamentali u applikata, għal*** settur agrikolu aktar sostenibbli u adattat, ***b'enfasi fuq l-iżvilupp u l-użu*** ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) ***u bijoteknoloġiji agrikoli,*** biex jiġu żviluppati għelejjel aktar reżiljenti li jirrikjedu inqas prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inqas fertilizzanti u inqas ilma;

li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;	jitlob qafas leġiżlattiv ġdid biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija innovattiva tkun tista' tintuża fl-UE u biex jiġu stimulati r-riċerka, l-investiment u l-impjiegi;

Or. ro

Emenda 1470
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat aċċess ekwu għar-riċerka u l-innovazzjoni fit-tipi kollha ta' azjendi agrikoli u territorji, inklużi l-azjendi agrikoli żgħar u tal-familja u dawk f'żoni żvantaġġati; jappella għall-iżvilupp u l-espansjoni ta' approċċi tar-riċerka u l-innovazzjoni ċċentrati fuq il-bdiewa, li jibnu fuq l-esperjenza ta' għodod bħall-Gruppi Operazzjonali, l-AKIS (Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli) u l-mudell b'bosta atturi ta' Orizzont Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-konnessjonijiet strutturati u territorjalizzati bejn il-bdiewa, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, il-konsulenti u n-networks tal-innovazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li r-riċerka tirrispondi għal sfidi prattiċi u twassal għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet adatti lokalment u li jistgħu jintużaw;

Or. en

Emenda 1471
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jenfasizza r-rwol kruċjali li għandha d-diversità taż-żerriegħa fl-iżgurar tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-produzzjoni tal-ikel u jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' politika Ewropea dwar riżorsi ġenetiċi kemm tal-annimali kif ukoll tal-pjanti, vitali biex tiġi żgurata s-sigurtà taż-żerriegħa; jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi sabiex tiżgura li t-tnissil tal-pjanti u tal-annimali konvenzjonali, inklużi l-proċessi każwali, segwiti minn aktar taħlit u għażla, jiġi eskluż bis-sħiħ mill-possibbiltà ta' privattiva; jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi biex tiżgura li l-privattivi fuq invenzjonijiet bijoteknoloġiċi li jirrigwardaw il-pjanti jew l-annimali jkunu ristretti għall-proċessi tekniċi speċifiċi;

Or. en

Emenda 1472
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa tal-ħxejjex u tal-annimali sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta' materji attivi alternattivi effikaċi, kif ukoll il-ħolqien ta' linji speċifiċi barra mill-PAK għar-riċerka xjentifika fl-iżvilupp ta' vaċċini ġodda u sistemi ta' identifikazzjoni bikrija tal-mard tal-annimali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u

mitigazzjoni b'rabta ma' dak il-mard;

Or. es

Emenda 1473
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jenfasizza r-rwol importanti tal-iżvilupp ta' alternattivi għal prodotti sintetiċi għall-protezzjoni tal-pjanti bħal pestiċidi organiċi, li jkunu tal-anqas effettivi u affordabbli daqshom; Ifakkar fir-rilevanza tal-bijokontroll fi prattiki agrikoli sostenibbli li jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-iżvilupp tar-reżistenza għall-pesti, il-mard u l-pestiċidi konvenzjonali, filwaqt li jinżammu l-kompetittività u l-produttività tal-bdiewa;

Or. ro

Emenda 1474
Sander Smit, Jessika Van Leeuwen, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp u l-użu ta' makkinarju agrikolu avvanzat, inklużi r-robotika u t-teknoloġiji ta' preċiżjoni, billi toħloq ambjent regolatorju ċar u favorevoli, tiffaċilita l-proġetti ta' dimostrazzjoni u toħloq kooperazzjoni bejn reġjuni Ewropej differenti li jistgħu jibbenefikaw minn dawn it-teknoloġiji;

Or. en

Emenda 1475
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fil-PAK li jmiss sabiex ma tuża l-ebda sussidju agrikolu għat-trobbija tal-barrin għall-ġlied;

Or. en

Emenda 1476
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***46b. Skont l-istudju tal-EPRS tal-2025[1a], hemm numru żgħir ta' biċċeriji kbar ikkonċentrati f'ċerti reġjuni; Għalhekk jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati, permezz ta' fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' biċċeriji biex tiġi stimulata l-ekonomija lokali, jinħolqu l-impjiegi u jissaħħu l-ktajjen tal-provvista qosra;**
	[1a] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2025/765766/EPRS_STU(2025)765766_EN.pdf

Or. ro

Emenda 1477
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46b. Jappella għall-approvazzjoni u l-implimentazzjoni rapidi ta' teknoloġiji ġodda tat-tnissil, bħall-CRISPER Cas, f'kumpaniji żgħar kif ukoll kbar, biex jitrawwem l-iżvilupp tal-għelejjel li jkunu aktar reżiljenti, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ambjentalment sostenibbli;

Or. en

Emenda 1478
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46b. Jistieden lill-Kummissjoni tuża r-riforma tal-PAK li jmiss biex timmodernizza u ttejjeb ir-regoli eżistenti dwar il-benessri tal-annimali billi ssegwi d-domanda dejjem akbar taċ-ċittadini tal-UE għal standards ogħla tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 1479
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46c. Jappella għal żieda fl-impenn Ewropew biex jiġu appoġġjati r-riċerka u l-innovazzjoni kontinwi fl-agrikoltura,

inkluż fl-iżvilupp ta' programmi ta' agrikoltura ta' preċiżjoni u l-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fil-mekkanizzazzjoni agrikola;

Or. en

Emenda 1480
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46d. Jappella għal miżuri li jiżguraw li l-bdiewa jżommu sjieda sħiħa u kontroll sħiħ fuq id-data tagħhom, biex b'hekk jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom u jippromwovu t-trasparenza fl-użu u l-kondiviżjoni tad-data agrikola fil-kuntest ta' innovazzjonijiet diġitali u mmexxija mill-IA li qed jevolvu;

Or. en

Emenda 1481
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46e. Jappella għal reviżjoni rapida tal-proċedura ta' approvazzjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti konvenzjonali u għall-introduzzjoni ta' proċess ta' approvazzjoni aċċellerat u bbażat fuq ir-riskju għall-prodotti għall-proċessjoni tal-pjanti "ekoloġiċi" bit-tneħħija ta' restrizzjonijiet tal-kapaċità eżistenti fl-evalwazzjoni tal-prodott, biex jiġi żgurat l-aċċess f'waqtu għal soluzzjonijiet tal-

ġestjoni tal-pesti effettivi u sostenibbli;

Or. en

Emenda 1482
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46f. Jappella, madankollu, jekk ma tkun teżisti l-ebda alternattiva approvata, għall-istabbiliment ta' sett ta' għodod ta' emerġenza li jippermetti l-użu ta' sustanzi mingħajr approvazzjoni formali fis-sitwazzjonijiet ta' kriżi biss, biex b'hekk jiġi pprevenut it-telf tal-ħsad;

Or. en

Emenda 1483
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46g. Jappella għall-eliminazzjoni tan-norma ġenerika tan-nitroġenu u għall-implimentazzjoni ta' strateġija ta' fertilizzazzjoni bbilanċjata li tinkludi kwoti għad-demel organiku abbażi tal-assorbiment tan-nutrijenti u l-kundizzjonijiet tal-ħamrija reali, flimkien mar-rikonoxximent u l-approvazzjoni legali ta' RENURE bħala fertilizzant alternattiv sostenibbli;

Or. en

Emenda 1484
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-konsumaturi u tas-soċjetà;	47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, ***filwaqt li jirrispettaw l-oġħla standards soċjali u ambjentali,*** u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-konsumaturi u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 1485
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-konsumaturi u tas-soċjetà;	47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali ***b'mod koerenti ma' mekkaniżmi oħra ta' appoġġ eżistenti*** u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-

konsumaturi u tas-soċjetà;

Or. es

Emenda 1486
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-konsumaturi u tas-soċjetà;	47. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adattament għat-teknoloġiji diġitali u fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, li jistgħu jgħinuhom jimplimentaw aħjar il-proġetti ta' installazzjoni tagħhom, jappoġġjaw l-agrikoltura sostenibbli, inaqqsu l-ammont ta' xogħol amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet, u jantiċipaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-aspettattivi futuri tal-konsumaturi u tas-soċjetà ***kif ukoll itejbu s-sitwazzjoni tal-introjtu tagħhom stess***;

Or. en

Emenda 1487
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi rikonoxxut u msaħħaħ ir-rwol tal-mudell tal-AKIS (Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli) bħala għodda strateġika u trażversali tal-PAK wara l-2027, li kapaċi tiżgura t-tixrid effettiv tal-għarfien u l-innovazzjonijiet lill-bdiewa; jemmen li l-objettivi tal-PAK il-ġdida

f'termini ta' kompetittività, reżiljenza għall-klima, u tranżizzjoni diġitali ma jistgħux jinkisbu mingħajr AKIS effiċjenti u koordinati, integrati bis-sħiħ mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati u msaħħa l-attivitajiet ikkwalifikati ta' konsulenza dwar negozju, dimostrazzjoni u pilota, u networks ta' prossimità, bħal organizzazzjonijiet professjonali agrikoli, li jgawdu l-fiduċja tal-bdiewa u jirrappreżentaw l-aktar interfaċċa effettiva għall-aċċellerazzjoni tat-trasferiment prattiku ta' innovazzjonijiet u l-iżgurar tal-modernizzazzjoni effettiva tas-settur agrikolu Ewropew;

Or. en

Emenda 1488
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jappella għal sinjal ċar mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi inkoraġġit l-użu ta' prattiki agrikoli moderni u l-awtomatizzazzjoni, biex tiġi promossa r-riċerka fuq l-azjenda agrikola biex titrawwem l-innovazzjoni kif ukoll biex jissaħħaħ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri kif ukoll fl-Istati Membri dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda kif ukoll it-tnaqqis tal-piż amministrattiv bħall-obbligi ta' rapportar;

Or. en

Emenda 1489
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' pjan strateġiku ta' litteriżmu diġitali rurali implimentat fuq bażi volontarja biex jgħin lill-bdiewa jadottaw teknoloġiji moderni permezz ta' taħriġ, assistenza teknika u faċilitazzjoni ta' aċċess għal infrastruttura diġitali u data agrikola f'ħin reali, u b'hekk jgħin biex jitnaqqas id-distakk rurali-urban;

Or. ro

Emenda 1490
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li ***titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq*** il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex ***titħeġġeġ il-kombinazzjoni*** ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi ***l-monitoraġġ***, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' ***prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti*** fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li ***jiġu implimentati bis-sħiħ*** il-prinċipji ta' ***ġestjoni integrata tal-pesti u ta'*** agrikoltura sostenibbli integrata, biex ***tiġi implimentata l-kombinazzjoni*** ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi ***n-newba tal-għelejjel, il-kopertura tal-ħamrija, tekniki ta' kultivazzjoni adegwati (iż-żrigħ bil-ftit, iż-żrigħ fi strixxi, …), kultivaturi reżistenti/tolleranti, miżuri tal-iġjene, il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' organiżmi ta' benefiċċju permezz tal-istabbiliment ta' strixxi tal-fjuri u karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' varjetà kbira, il-monitoraġġ, il-kontroll mekkaniku tal-ħaxix ħażin,*** il-bijokontroll u ***bħala l-aħħar rimedju, u jekk jinqabżu l-valuri ta' limitu għall-pesti biss,*** l-użu ottimizzat ta' ***pestiċidi*** fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza

stabbiliti;

Or. en

Emenda 1491
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll***, l-użu ta' droni għal trattamenti fitosanitarji, l-approvazzjoni tal-endoterapija*** u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti; ***jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi stabbilita agrikoltura integrata bħala sistema rikonoxxuta b'mod komuni fl-UE u li jkompli jsir avvanz fid-definizzjoni u l-appoġġ tal-prattiki ta' agrikoltura sostenibbli u ekoloġika;***

Or. es

Emenda 1492
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li ***titfassal*** miżura ***speċifika*** taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta'	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li ***tiġi pprovduta*** miżura taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura

agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi alternattivi vijabbli u adegwati qabel ma tipprojbixxi s-sustanzi għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex tiżgura li l-produzzjoni agrikola tkun tista' tinżamm b'mod sikur u sostenibbli;***

Or. en

Emenda 1493
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti; ***ifakkar fil-ħtieġa ta' qafas legali ddedikat u prammatiku biex tiġi vvalutata u approvata ġenerazzjoni ġdida ta' prodotti għall-produzzjoni tal-pjanti aktar sikuri;***

Or. en

Emenda 1494
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex ***titħeġġeġ il-kombinazzjoni*** ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura ***agroambjentali u klimatika*** speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, ***u li jistgħu jikkumpensaw għat-telf reali mġarrab mill-bdiewa sabiex jitneħħa r-riskju mill-użu*** ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;

Or. fr

Emenda 1495
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ***professjonali*** ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti***, u li jiġu żviluppati proċeduri dijanjostiċi u analiżi tar-residwi ta' pestiċidi***;

Or. hu

Emenda 1496
Thomas Waitz

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt ***l-iżvilupp rurali***, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***fejn*** meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt ***il-PAK[1a]***, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata ***b'mod partikolari l-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM),*** biex ***jitnaqqas l-użu ta' pestiċidi sintetiċi u*** titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti ***mhux kimiċi***, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***sintetiċi meta jkun*** meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti; _____ ***[1a] Għalkemm huwa possibbli li din tiġi inkluża fit-tieni pilastru, eż. it-taħriġ/l-investiment, il-kondivižjoni tal-għarfien, jew l-AECM, l-Istati Membri diġà żviluppaw approċċi ta' IPM (ġestjoni integrata) f'ekoskemi, u skemi settorjali tal-frott (inkluż l-inbid) u l-ħxejjex fl-ewwel pilastru. Ref. R.2115/2021 Premessi 26, 72, Artikoli 31(4)f, 47, 58, Anness I: I.18, R.24***

Or. en

Emenda 1497
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48.Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex

kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti;	titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti ***u mingħajr ma jiġu imposti projbizzjonijiet arbitrarji fin-nuqqas ta’ alternattivi vijabbli u effettivi***;

Or. ro

Emenda 1498
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta’ agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta’ agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, ***bħal permezz tal-użu ta’ droni,*** filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti;

Or. nl

Emenda 1499
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta’	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta’

agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	agrikoltura sostenibbli integrata, biex ***jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u*** titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;

Or. en

Emenda 1500
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' agrikoltura sostenibbli integrata, biex ***jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi, u*** titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta' prattiki u teknoloġiji ta' kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta' sikurezza stabbiliti;

Or. en

Emenda 1501
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' ***agrikoltura sostenibbli integrata***, biex	48. Jirrimarka li huwa meħtieġ li titfassal miżura speċifika taħt l-iżvilupp rurali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' ***ġestjoni integrata tal-pesti (IPM)***, biex titħeġġeġ il-

titħeġġeġ il-kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti;

kombinazzjoni ta’ prattiki u teknoloġiji ta’ kontroll tal-pesti, inklużi l-monitoraġġ, il-bijokontroll u l-użu ottimizzat ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn meħtieġ, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti legali u ta’ sikurezza stabbiliti;

Or. en

Emenda 1502
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-produzzjoni ta’ vaċċini u mediċini veterinarji madwar l-Ewropa, bħala parti minn approċċ integrat ta’ “Saħħa Waħda” li jirrikonoxxi l-interkonnessjoni bejn is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; iqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE f’dan il-qasam sabiex jiġu protetti s-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tas-settur agrikolu quddiem kriżijiet tas-saħħa futuri; jisħaq li, f’żona mingħajr fruntieri interni bħall-Unjoni Ewropea, kwalunkwe nuqqas ta’ prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista’ jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, li jirrikjedi rispons koordinat u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali komuni fil-livell Ewropew; jippromwovi, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ekwu, mifrux u ġeografikament komprensiv għal vaċċini u mediċini veterinarji, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll il-ħolqien ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament adegwati biex jappoġġjaw il-produzzjoni, l-akkwist u d-distribuzzjoni tagħhom b’mod ġust u effettiv.

Or. pt

Emenda 1503
Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jitlob lill-Kummissjoni taċċellera b'urġenza r-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-użu ta' aġenti għall-kontroll bijoloġiku tal-pesti biex jiġu kkomplementati l-pestiċidi sintetiċi; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas regolatorju armonizzat u simplifikat li jippermetti l-aċċess għas-suq f'waqtu għal alternattivi sikuri u effettivi; jissottolinja li sakemm alternattivi bħal dawn ma jkunux disponibbli u skalabbli b'mod dimostrabbli, sustanzi eżistenti essenzjali għas-saħħa tal-pjanti ma jridux jiġu pprojbiti b'mod prematur, billi dan jipperikola s-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà ekonomika, u l-vijabbiltà ta' ħafna sistemi agrikoli fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari dawk f'kundizzjonijiet klimatiċi jew ekonomiċi aktar vulnerabbli;

Or. en

Emenda 1504
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jisħaq li kwalunkwe miżura leġiżlattiva li għandha l-għan li tnaqqas l-użu tal-inputs, inkluži l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, trid tkun ibbażata

fuq xjenza soda u fattibbiltà prattika, u għandha tiġi implimentata biss ladarba jkunu disponibbli alternattivi effettivi u ekonomikament vijabbli li jiżguraw rendimenti stabbli u jżommu kwalità tal-produzzjoni għolja;

Or. en

Emenda 1505
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1506
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi	***imħassar***

agrikoli;

Or. en

Emenda 1507
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1508
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli; ***jinnota l-potenzjal tal-Agroforestrija bħala strateġija għas-sekwestru tal-karbonju fit-tipi kollha ta' ħamrija u l-intrapriżi agrikoli; It-tfassil u l-ġestjoni xierqa tas-***

sistemi agroforestali jistgħu jagħmluhom bjar tal-karbonju effettivi, għalkemm dan il-potenzjal lanqas biss ġie rikonoxxut b'mod adegwat, aħseb u ara sfruttat; il-komponenti tas-siġar u tal-arbuxelli tal-prattiki agroforestali jikkontribwixxu għas-sekwestru tal-karbonju billi jużaw id-diossidu tal-karbonju għall-fotosinteżi u jaħżnu l-karbonju 'l fuq mill-art fiz-zkuk prinċipali u fil-friegħi tas-siġar, kif ukoll taħt l-art fl-għeruq u fil-ħamrija; benefiċċju indirett tal-agroforestrija huwa l-ġlieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija, li tista' ttejjeb il-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija; Sabiex jiġi sfruttat dan il-potenzjal ferm mhux realizzat tas-sekwestru tal-karbonju permezz tal-agroforestrija kemm fl-intrapriżi ta' sussistenza kif ukoll f'dawk kummerċjali, iridu jiġu stabbiliti politiki innovattivi, ibbażati fuq riċerka rigoruża;

Or. en

Emenda 1509
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli; ***jissottolinja li qafas ta' ċertifikazzjoni bħal dan irid ikun miftuħ u applikabbli mhux biss għall-bdiewa li jżidu l-kapaċità tal-ħżin tal-karbonju iżda anke għal dawk li jżommu l-kapaċità tal-ħżin tal-karbonju tal-ħamrija tagħhom;***

Or. en

Emenda 1510
Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli; ***jenfasizza l-benefiċċji potenzjali tal-karbonju u l-krediti tan-natura, b'mod partikolari għal bdiewa iżgħar u inqas produttivi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet għas-settur tal-biedja;***

Or. en

Emenda 1511
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli***, u jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex tiġi żgurata d-domanda tas-suq għal***

dawn iċ-ċertifikati*; *jisħaq fl-istess ħin li l-produzzjoni tal-ikel u tal-bijomassa għandha tkun l-għan primarju tal-attività agrikola tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 1512
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli; ***jenfasizza l-benefiċċji potenzjali tal-karbonju u l-krediti tan-natura, għall-bdiewa produttivi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet għas-settur tal-biedja;***

Or. en

Emenda 1513
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv ***biex tiġi żgurata*** remunerazzjoni ***aħjar*** għall-bdiewa***, b'mod***	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju ***ppjanat*** għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv ***u*** remunerazzjoni ***addizzjonali*** għall-bdiewa,

partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex ***jinqabdu*** u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;

permezz ta' miżuri biex ***jiġi assorbit f'"bir" u jinżamm il-karbonju*** u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli; ***jinnota r-rwol ewlieni tas-saħħa tal-ħamrija u r-reżiljenza tal-ilma f'approċċi tal-kultivazzjoni karbonika;***

Or. en

Emenda 1514
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, ***permezz ta' miżuri*** biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, ***billi jiġu ppremjati prattiki bħall-agroforestija u l-ġestjoni riġenerattiva tal-ħamrija*** biex jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 1515
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex jinqabdu u jitnaqqsu l-	49. Jirrikonoxxi li l-qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju ***għandu jibqa' volontarju u*** jista' jipprovdi inċentiv pożittiv biex tiġi żgurata remunerazzjoni aħjar għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' miżuri biex

emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;	jinqabdu u jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli;

Or. fr

Emenda 1516
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli talloka fondi addizzjonali għal miżuri ta' estensifikazzjoni impliċiti li ma jkunux effettivi b'mod dimostrabbli fl-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi jew ambjentali; jappella minflok li tingħata prijorità lil dawk ir-riżorsi għar-riċerka pubblika koordinata fl-istrateġiji tat-tnissil, l-innovazzjonijiet fir-rigward tal-għalf, u t-teknoloġiji tas-separazzjoni tad-demel, bil-għan li jiġu aċċellerati d-disponibbiltà u l-iskalabbità ta' soluzzjonijiet prattiċi; jissottolinja li l-appoġġ strutturali għandu jiġi rriżervati biss għal approċċi b'potenzjal muri li jikkontribwixxu għall-produttività sostenibbli;

Or. en

Emenda 1517
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-produzzjoni tal-enerġija solari fl-azjendi agrikoli bil-ħsieb li tittejjeb il-kapaċità tal-bdiewa li jadattaw

għat-tibdil fil-klima, tiżdied iż-żamma tal-ilma u l-kwalità tal-ħamrija, u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-introjti tal-bdiewa; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara d-dispożizzjonijiet tal-Politika Agrikola Komuni sabiex tiżgura l-kompatibbiltà bejn l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi solari u t-twettiq ta' attivitajiet agrikoli fuq l-istess biċċa art.

Or. pt

Emenda 1518
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jirrikonoxxi l-importanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Innovazzjoni fl-Agrikoltura (AEI-Agri) li kkontribwiet għall-avvanz tal-innovazzjoni fis-settur agroalimentari u tal-foresti, permezz tal-ħolqien ta' gruppi operattivi u l-eżekuzzjoni ta' proġetti innovattivi li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li jtejbu s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur agroalimentari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-appoġġ għal din l-inizjattiva fil-qafas tal-PAK ta' wara l-2027;

Or. es

Emenda 1519
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jenfasizza l-importanza li jiġu ttrattati b'mod konġunt l-isfidi agrikoli u l-isfidi tal-alimentazzjoni; jilqa' f'dan ir-rigward it-titolu l-ġdid tal-Kummissarju għall-Agrikoltura u għall-Ikel; jikkunsidra li l-Politika Agrikola Komuni għandha tibdel l-isem biex issir il-Politika Agrikola u tal-Ikel Komuni;

Or. fr

Emenda 1520
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jinnota f'dan il-kuntest il-benefiċċji tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-aċċess tal-bdiewa għad-data sabiex ikunu jistgħu jtejbu l-ħamrija tagħhom b'mod ottimu, bil-benefiċċji laterali[1a] taż-żieda fil-produttività, id-dipendenza mnaqqsa mill-input u r-reżiljenza għall-flutwazzjonijiet klimatiċi;
	[1a] Pereżempju permezz ta' ħamrija tal-wiċċ aktar fonda, aktar bijota tal-ħamrija, kontroll tal-patoġeni, ħamrija li taġixxi bħala sponża biex tassorbi u żżomm l-ilma u n-nutrijenti

Or. en

Emenda 1521
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45b. Jissottolinja li r-ritorn tal-inflazzjoni tal-ikel wara l-2022 juri li l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel u dawk agrikoli hija indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà makroekonomika u s-sigurtà ekonomika fl-Unjoni Ewropea; jikkunsidra li ż-żieda qawwija fil-prekarjat tal-ikel u l-konsegwenzi soċjali u politiċi tiegħu jitolbu li jiżdiedu l-baġits iddedikati għall-għajnuna għall-aktar persuni fqar fil-qafas tal-fondi tal-FSE+ iżda wkoll sabiex jiġu limitati l-kawżi tal-inflazzjoni tal-ikel;

Or. fr

Emenda 1522
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49b. Jissottolinja li l-PAK għandha tikkontribwixxi biex tippromwovi ambjent favorevoli għall-innovazzjoni marbuta mal-produzzjoni agroalimentari, li tiffaċilita l-kollaborazzjoni pubblika-privata u l-adozzjoni aċċellerata ta' soluzzjonijiet innovattivi għas-settur;

Or. es

Emenda 1523
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49b. Jappella għall-introduzzjoni ta' premji bbażati fuq is-suq għas-sistemi tal-ekosistema relatati man-natura, il-ġestjoni tal-pajsaġġ, u l-klima, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-kontributi vitali jiġu kkumpensati b'mod ġust;

Or. en

Emenda 1524
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49c. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' tekniki avvanzati tat-tnissil u prattiki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tal-bhejjem, b'mod partikolari għar-ruminanti; jappella wkoll għal appoġġ iddedikat fl-ambitu tal-PAK wara l-2027 u ta' Orizzont Ewropa biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp u l-varar ta' sistemi tat-trobbija tal-bhejjem effiċjenti fir-rigward tal-klima, filwaqt li jiġi żgurat li t-tnaqqis fl-emissjonijiet jinkiseb b'mod li jibqa' ekonomikament vijabbli għall-bdiewa u soċjalment aċċettabbli fir-reġjuni kollha;

Or. en

Emenda 1525
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45c. Jinnota li t-tnaqqis fl-imposti doganali sa mill-bidu tas-snin 1990 kien ippermetta li jiġu stabbiliti l-prezzijiet agrikoli u tal-ikel Ewropej iżda li din l-istrateġija ma għadhiex effikaċi meta titqies il-kriżi klimatika u l-kuntest internazzjonali ġdid fejn l-aċċess għall-ikel reġa' sar arma;

Or. fr

Emenda 1526
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49c. Jappella għaż-żamma kontinwa tal-PAK bħala xibka ta' sikurezza permezz ta' pagamenti bażiċi għall-azjendi agrikoli domestiċi u tal-familja, biex b'hekk jiġu ggarantiti r-rikonoxximent tal-isforzi tal-produtturi lokali tal-ikel u l-preżervazzjoni tas-sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 1527
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49d. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Niinisto u tiġi kkunsidrata l-importanza ta' ħażniet strateġiċi ta' ikel; jappella biex jiġu ġeneralizzati l-

esperjenzi sodi tal-Finlandja u l-Ġermanja fil-qasam tal-ħażniet strateġiċi tal-ikel u li jiġi integrat il-kunċett ta' "użu doppju skont id-disinn" fil-politiki tal-iżvilupp tal-produzzjoni tal-bijofjuwils; jikkunsidra li ma hemmx sovranità tal-ikel mingħajr ħażniet strateġiċi tal-ikel;

Or. fr

Emenda 1528
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49d. Jappella għall-introduzzjoni u l-adattament ta' regolamenti tal-UE li huma mfassla b'mod speċifiku biex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet uniċi tal-biedja fis-serer, urbana u vertikali, kif ukoll għall-iżvilupp ta' regoli simplifikati u orjentati lejn il-prattika għas-settur tal-florikultura u qafas regolatorju koordinat għall-katina tal-valur ortikulturali kollha;

Or. en

Emenda 1529
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49d. Jappella biex ma jiġix esaġerat il-prezz tal-politiki ta' ħżin għaliex din dejjem ħa tkun inqas mill-prezz ta' nuqqas ta' ħażniet ladarba ma nibqgħux nemmnu li s-swieq liberi se jkollhom effett ta' stabilizzazzjoni; Jappella lill-

Kummissjoni Ewropea biex tkun aktar viġilanti fir-rigward tat-talbiet tal-pajjiżi emerġenti u fi stat ta' żvilupp li jitolbu aġġornament tar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ sabiex tiġi rikonoxxuta l-pertinenza tal-politiki pubbliċi tagħhom ta' ħżin;

Or. fr

Emenda 1530
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49e. Jitlob li l-agrikoltura jkollha rwol importanti fil-Patt għal Industrija Nadifa u fit-tranżizzjoni tal-enerġija billi tiġi prodotti l-enerġija rinnovabbli permezz tal-bijogass u tiġi restawrata l-enerġija permezz tas-serer, biex b'hekk jinħoloq introjtu addizzjonali għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 1531
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49 f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49f. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u lir-reġjuni jiżviluppaw strateġiji sabiex iżidu r-reżiljenza alimentari tat-territorji billi joħolqu mill-ġdid rabtiet bejn il-produzzjoni agrikola u l-alimentazzjoni tal-popolazzjonijiet lokali, b'mod partikolari għall-għajnuna għall-investiment tat-tieni pilastru u permezz tal-akkwist pubbliku, fejn ir-regoli

għandhom jiġu riformati sabiex tingħata l-possibbiltà li jiġi ppreferut il-forniment ta' provvisti lokali;

Or. fr

Emenda 1532
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49g. Jappoġġja l-iżvilupp ta' skemi tal-kultivazzjoni karbonika li jippremjaw lill-benefiċċji klimatiċi verifikabbli u li jistgħu jitkejlu filwaqt li jinżamm l-użu tal-art produttiv; jistieden lill-Kummissjoni tfassal dawn l-iskemi b'mod li jistimula l-progress teknoloġiku, bħat-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija permezz ta' agrikoltura ta' preċiżjoni, u biex jiġu evitati mudelli li jiddependu primarjament fuq l-art imwarrba; jenfasizza li l-kultivazzjoni karbonika għandha tikkomplementa, u mhux tissostitwixxi, il-produzzjoni agrikola attiva u sostenibbli;

Or. en